IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.3.2017
COM(2017) 114 final

2017/0048 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 u li jħassar l-10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2017) 98 final}
{SWD(2017) 99 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

Minħabba t-tfassil tal-politika u għanijiet oħra, qed jiżdied il-bżonn ta' informazzjoni tal-istatistika fuq in-negozji. Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (l-ESS)[1] mistennija tipprovdi dejta tal-istatistika ta' kwalità kbira f'dan il-qasam, fil-ħin u b'ċerta komparabbiltà fost l-Istati Membri. L-istatistika tan-negozju tal-ESS li tixtered għandha tkun il-bażi tad-deċiżjonijiet dwar l-ekonomija tas-suq abbażi tal-għarfien u tal-innovazzjoni, biex jittejjeb l-aċċess għas-suq uniku għall-intrapriżi żgħar u medji, u biex jiġu stimulati l-intraprenditorija u l-kompetittività.

L-abbozz ta' Regolament dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 u li jħassar għaxar (10) atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (FRIBS) huwa parti mill-Programm REFIT, il-programm tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni biex il-liġi tal-UE ssir aktar sempliċi u biex jonqsu l-ispejjeż regolatorji mhux meħtieġa, li identifika l-istatistika tan-negozju bħala wieħed mill-oqsma ta' prijorità tiegħu. L-abbozz tar-Regolament jipprevedi l-integrazzjoni tar-rekwiżiti tal-istatistika u tal-atti legali għall-istatistika tan-negozju billi jirrazzjonalizzahom u jissimplifikahom u jnaqqas il-piż fuq in-negozji.

Is-sistema attwali li tipproduċi l-istatistika Ewropea tan-negozju hija frammentata f'regolamenti separati speċifiċi skont il-qasam. Minħabba f'hekk, dan joħloq inkonsistenzi fid-dejta miġbura u ineffiċjenzi fil-produzzjoni tagħha. Il-FRIBS se tipprovdi qafas legali komuni għall-produzzjoni u għall-kompilazzjoni tal-istatistika tan-negozju tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Dan hu mistenni joħloq: kwalità aħjar tar-reġistri tan-negozju tal-ESS, definizzjonijiet komuni biex jintużaw fl-oqsma kollha tal-istatistika li tkopri, l-iskambju ta' mikrodejta identifikabbli, u struttura tad-dejta integrata. Dan għandu jwassal għal razzjonalizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni tal-istatistika nazzjonali, biex jintużaw aħjar is-sorsi tad-dejta eżistenti, u jonqos il-piż tal-istatistika fuq ir-rispondenti meta tkun qed tiġi kkumpilata l-istatistika tan-negozju tal-ESS. Barra minn hekk, il-FRIBS se joħloq strutturi tad-dejta armonizzati u standards komuni tal-kwalità tad-dejta biex tkun tista' ssir rabta bejn l-istatistika differenti tan-negozju, u b'hekk l-informazzjoni miġbura tikseb ferm aktar valur.

### • Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Qed jiżdied il-bżonn ta' statistika affidabbli u ta' kwalità kbira biex dawk li jfasslu l-politika u n-negozji jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza. Madankollu, il-kuntest attwali li jixħet pressjoni fuq ir-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli għall-produzzjoni tal-istatistika, l-għadd dejjem akbar ta' statistika ta' kwalità kbira meħtieġa sar sfida kbira għall-ESS. Fl-istess waqt, l-ESS qed ikollha domanda mingħand il-fornituri tad-dejta (ir-rispondenti – in-negozji) biex jonqos il-piż amministrattiv. Biex jingħelbu dawn l-isfidi, dan l-aħħar il-Kummissjoni (il-Eurostat) ħadet għadd ta' inizjattivi bil-għan li tiżgura produzzjoni aktar effiċjenti tal-istatistika Ewropea u biex tnaqqas il-piż minn fuq ir-rispondenti billi tissimplifika u ttejjeb il-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni fi ħdan l-ESS. Eżempju minnhom hu l-emenda li saret fl-2015 fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea, li tiċċara l-governanza tal-ESS u ssaħħaħ l-istrumenti tal-koordinazzjoni u tal-kollaborazzjoni,

[1] L-ESS hija s-sħubija bejn l-awtorità Ewropea tal-istatistika, li hija l-Kummissjoni (il-Eurostat), u l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra (ONAs) responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea.

fil-livelli nazzjonali u tal-UE. Inizjattivi simili oħra, eżempju fil-qasam tal-istatistika soċjali, jinsabu fil-programm REFIT tal-Kummissjoni u għandhom l-għan li jissimplifikaw u li jirrazzjonalizzaw il-produzzjoni tal-istatistika Ewropea f'oqsma mmirati.

L-istatistika tan-negozju hija wieħed mit-tliet pilastri tal-ESS fil-Programm Ewropew tal-Istatistika 2013-2017[2]. Kull pilastru jkopri sett ta' statistika primarja li jaqdi bosta ħtiġijiet u hu l-input tas-sistemi kontabilistiċi (eżempju, il-kontijiet nazzjonali jew il-bilanċ tal-pagamenti) kif ukoll il-bażi għall-indikaturi għal ħtiġijiet differenti ta' politika. Il-Viżjoni 2020 tal-ESS, adottata mill-Kumitat tal-ESS f'Mejju 2014, hija r-rispons strateġiku tal-ESS għall-isfidi relatati mal-istatistika uffiċjali. Din tistqarr li għandha tkun tista' tintuża dejta mal-oqsma kollha tal-istatistika ħalli tkun tista' ssir analiżi aħjar tal-fenomeni emerġenti (eż. il-globalizzazzjoni) u biex il-politiki tal-UE b'impatt kbir ikunu jistgħu jinqdew aħjar. L-output tad-dejta għandu jistrieħ fuq proċessi tal-istatistika effiċjenti u solidi. Il-Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (il-programm MEETS) ħejja l-implimentazzjoni tal-Viżjoni 2020 tal-ESS fil-qasam tal-istatistika tan-negozju u tal-kummerċ. Tnedew diversi azzjonijiet bil-għanijiet ta' integrazzjoni, simplifikazzjoni, irbit tad-dejta u żvilupp ta' metodoloġiji armonizzati.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Wieħed mill-għanijiet tal-FRIBS huwa li jipprovdi statistika adattata biex tgħin fil-formolazzjoni u fil-monitoraġġ tal-politiki tal-UE li jaffettwaw in-negozji.

B'mod aktar speċifiku, il-monitoraġġ tal-progress lejn l-għaxar (10) prijoritajiet stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tal-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment, is-suq uniku diġitali, is-suq intern u l-ftehimiet kummerċjali tal-UE, jeħtieġ statistika Ewropea armonizzata u komparabbli li:

- dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ikunu jistgħu jużaw biex ifasslu inizjattivi tal-politika li jilħqu l-għanijiet tal-Kummissjoni u biex jissorveljaw l-implimentazzjoni tagħhom;
- il-midja tkun tista' tuża meta tittratta l-oqsma identifikati fl-għaxar (10) prijoritajiet.

## 2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

L-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi l-bażi ġuridika għall-istatistika Ewropea. Skont dan l-Artikolu, il-leġiżlaturi tal-UE għandhom jadottaw miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika meta jkun meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet tal-Unjoni.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sa fejn il-proposta ma tkunx fil-kompetenza esklużiva tal-UE. Fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika, l-Istati Membri jiżguraw il-kumpilazzjoni proprja tal-informazzjoni tal-istatistika fil-livell nazzjonali. Għall-kumpilazzjoni tal-istatistika tan-negozju fil-livell Ewropew, hu indispensabbli li jkun hemm metodoloġija armonizzata u li ssir id-definizzjoni ta' output komuni li għandhom iwasslu l-Istati Membri. Il-Kummissjoni biss tista' tikkoordina l-armonizzazzjoni meħtieġa tal-informazzjoni tal-istatistika fost l-Istati

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12). Propost biex jiġi estiż għal 2018-2020 bil-COM/2016/0557 final - 2016/0265

Membri u tipproduċi l-istatistika tan-negozju fil-livell Ewropew abbażi tal-kompilazzjoni tad-dejta mwettqa mill-Istati Membri. Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (it-TUE). B'hekk, l-azzjoni tal-UE proposta hija ġustifikata għalkollox. Din tista' tinkiseb għalkollox biss b'azzjoni tal-UE.

Minbarra dan, anki t-titjib fil-monitoraġġ tal-globalizzazzjoni, abbażi ta' għarfien aħjar tal-Gruppi tal-Intrapriżi Multinazzjonali, jista' jsir biss fil-livell Ewropew.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għal dawn ir-raġunijiet:

Din se tiżgura l-kwalità tal-istatistika Ewropea tan-negozju inkluż il-komparabbiltà, ir-rilevanza u l-ħila tar-rispons tagħha b'mod armonizzat fost l-Istati Membri għax tapplika l-istess prinċipji. Din se twassal għal aktar kosteffettività filwaqt li tħares l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi tal-Istati Membri.

L-istandardizzazzjoni tal-kunċetti u tal-metodi, it-tneħħija tad-duplikazzjonijiet, l-opportunità li tintuża iżjed il-kombinazzjoni tas-sorsi minflok l-istħarriġiet, għandhom inaqqsu l-piż finanzjarju u amministrattiv minn fuq ir-rispondenti. Ir-Regolament FRIBS hu fil-biċċa l-kbira orjentat lejn l-output, jiġifieri l-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-input tagħhom (is-sorsi tad-dejta) diment li jipprovdu output (l-istatistika) li jikkonforma mad-definizzjonijiet miftiehma u mal-istandards tal-kwalità miftiehma. L-Istati Membri huma mħeġġa biex meta possibbli jużaw is-sorsi amministrattivi eżistenti jew sorsi innovattivi bħall-Big Data biex jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet tal-istatistika. Ir-rekwiżiti l-ġodda tad-dejta li ddaħħlu fir-Regolament FRIBS ġew eżaminati bi studji pilota ħalli jintwera l-fattibbiltà tagħhom.

L-atti leġiżlattivi attwali tal-UE dwar l-istatistika tan-negozju ġew emendati bosta drabi tul l-aħħar snin. Dan ħareġ fid-dieher li dawn il-proċessi jsiru aktar effiċjenti (spejjeż/benefiċċji) u effettivi jekk isir Regolament li jistabbilixxi qafas komuni għall-proċess tal-ġbir, tal-ipproċessar u tat-tixrid tad-dejta tal-istatistika tan-negozju.

Għaldaqstant, b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-Regolament propost jillimita lilu nnifsu għall-minimu meħtieġ biex jintlaħqu l-għajnijiet tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ għal dak il-għan.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament.

Minħabba l-għanijiet u l-kontenut tal-proposta, Regolament huwa l-aktar strument xieraq.

L-għażla tal-istrument xieraq tiddependi fuq il-mira leġiżlattiva. Fid-dawl tal-bżonnijiet tal-informazzjoni fil-livell Ewropew, fejn tidħol l-istatistika Ewropea x-xejra hi li jintużaw ir-regolamenti minflok id-direttivi bħala l-atti bażiċi. Regolament huwa ppreferut għax jistabbilixxi l-istess liġi mal-Unjoni Ewropea kollha, u ma jħalli l-ebda possibbiltà għall-Istati Membri biex japplikawha b'mod mhux komplut jew b'mod selettiv. Dan jiżgura l-komparabbiltà tad-dejta fl-UE għall-istatistika Ewropea ta' kwalità kbira. Da japplika direttament u għalhekk ma għandux bżonn jiġi traspost fil-liġi nazzjonali. L-użu ta' Regolament huwa b'konformità ma' atti bażiċi oħra dwar l-istatistika Ewropea li ġew adottati mill-1997.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex post*/kontroll tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Billi din l-inizjattiva bdiet qabel l-adozzjoni tal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, ma kienx hemm evalwazzjoni speċifika bħal din (tul il-ħames kriterji ta' evalwazzjoni) tas-sitwazzjoni attwali magħmula biex tappoġġaha. Skont l-istandards tal-Kummissjoni, ġiet segwita s-sistema tal-Eurostat li tevalwa l-leġiżlazzjoni eżistenti, inkluż l-evalwazzjoni tal-Programm Ewropew tal-Istatistika[3], u din kienet parti ewlenija mill-proċess kollu. Barra minn hekk, kull sena jsiru stħarriġiet tal-utenti biex jinkiseb għarfien aħjar dwar l-utenti, il-ħtiġijiet tagħhom u s-sodisfazzjon tagħhom bis-servizzi pprovduti mill-Eurostat. Il-Eurostat juża r-riżultati tal-evalwazzjoni biex itejjeb il-proċess tal-produzzjoni tal-informazzjoni tal-istatistika u l-output tiegħu tal-istatistika. Dawn jikkontribwixxu għal diversi pjanijiet strateġiċi, bħall-programm ta' ħidma u l-pjan ta' ġestjoni.

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

Il-kategoriji ewlenin tal-partijiet konċernati għall-istatistika Ewropea tan-negozju huma l-utenti tad-dejta (servizzi oħra tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika li jagħmlu monitoraġġ tas-settur tan-negozju, il-Banek Ċentrali Nazzjonali u l-Bank Ċentrali Ewropew, assoċjazzjonijiet professjonali u riċerkaturi), il-kompilaturi tad-dejta (l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (l-NSIs), iżda anki kompilaturi oħra bħall-Banek Ċentrali Nazzjonali) u l-fornitur tad-dejta (intrapriżi, inkluż l-SMEs).

L-ewwel fażi ta' konsultazzjonijiet tal-partijiet konċernati saret bejn Lulju u Ottubru 2014 u kopriet l-elementi infrastrutturali tal-FRIBS (bħar-Reġistri tan-Negozju, l-iskambju tal-mikrodejta, il-kwistjonijiet ta' kwalità, u l-kunfidenzjalità). It-tieni fażi tnediet fit-tieni nofs tal-2015 u ffukat fuq il-bidliet fir-rekwiżiti tad-dejta li għandu jdaħħal il-FRIBS. Finalment, it-tielet fażi saret fil-ħarifa tal-2015 u fl-ewwel kwart tal-2016 u ġabret l-opinjonijiet tal-partijiet konċernati dwar l-immodernizzar tas-servizzi tal-istatistika tal-kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti (l-Intrastat). F'kull fażi saret konsultazzjoni mmirata mal-kompilaturi tad-dejta (l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Istatistika) u konsultazzjoni pubblika mal-fornituri tad-dejta (in-negozji). L-ewwel żewġ fażijiet inkludew ukoll konsultazzjoni pubblika mal-utenti tad-dejta. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika jinsabu fid-dettall f'żewġ rapporti[4].

L-eżitu ewlieni tal-konsultazzjonijiet rispettivi jista' jinġabar fi ftit kliem:

- L-utenti tad-dejta indikaw problemi b'rabta mar-rilevanza tal-istatistika tan-negozju disponibbli bħalissa u b'mod aktar partikolari diffikultajiet waqt it-tagħqid tad-dejta minn oqsma differenti tal-istatistika tan-negozju minħabba nuqqas ta' konsistenza u nuqqas ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet bħal pereżempju s-settur tas-servizzi u l-globalizzazzjoni. Fil-fehma tagħhom, b'regolamentazzjoni armonizzata unika se tiżdied il-konsistenza tal-istatistika tan-negozju.
- Il-produtturi tad-dejta (l-NSIs) huma mħassbin biż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni għax iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda tad-dejta li ħoloq il-FRIBS biex jaħseb fil-ħtiġijiet tal-utenti li ilhom pendenti.

---

3 Ara http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/evaluation

4 http://ec.europa.eu/eurostat/documents/10186/7142348/ABS-Report.pdf, http://ec.europa.eu/eurostat/documents/10186/6937805/Summary+report+on+the+open+public+consultations/52c01d34-ca85-4e8d-aaae-df4ae84b8dea

- Il-fornituri tad-dejta huma mħassbin biż-żieda fil-piż minħabba l-ħtiġijiet addizzjonali tad-dejta. Mill-konsultazzjonijiet immirati ħarġet fid-dieher evidenza li l-immodernizzar tal-istatistika kummerċjali intra-Unjoni se tikkumpensa ferm iżjed minn din iż-żieda.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

Il-proġett tal-FRIBS ġie diskuss f'bosta laqgħat ma' esperti nazzjonali, u d-diskussjonijiet ma trattawx biss l-istatistika tan-negozju, iżda anki l-istatistika makroekonomika, l-istatistika dwar il-Kontijiet Nazzjonali u l-istatistika dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti. Ir-rapporti dwar il-progress tal-proġett ġew ippreżentati b'mod regolari lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (l-ESSC) stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati, deskritti hawn fuq, li jinkludu lill-utenti tad-dejta u lill-fornituri tad-dejta, kienu sors ieħor tal-evidenza esterna użata.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Ma' din il-proposta hemm mehmuż Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jidentifika l-problemi, jikkunsidra alternattivi differenti ta' politika li jindirizzawhom u fl-aħħar nett jivvaluta l-impatt tal-alternattivi ta' politika.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ta opinjoni pożittiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt f'Ġunju 2016. (http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia_carried_out/cia_2016_en.htm#estat).

Il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika żewġ kawżi tal-problemi:

(1) L-istatistika Ewropea tan-negozju għandha inqas rilevanza u inqas ħila tar-rispons

(2) L-istatistika tan-negozju għandha frammentazzjoni legali

Biex jindirizzaw dawn il-kawżi tal-problemi, ġew ivvalutati dawn l-alternattivi:

- L-Alternattiva A – Ix-xenarju bażi – l-ebda bidla fil-politika tal-UE;
- L-Alternattiva B – Jiġu implimentati azzjonijiet leġiżlattivi limitati għal ċerti oqsma tal-istatistika tan-negozju, inkluż alternattivi oħrajn biex jiġi modernizzat l-Intrastat.
- L-Alternattiva C – L-immodernizzar tal-istatistika tan-negozju f'qafas wieħed (il-FRIBS) b'taħlita ta' miżuri, inkluż alternattivi oħrajn biex jiġi modernizzat l-Intrastat.

Abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt, l-Alternattiva A ma jidhirx li hi aċċettabbli għax dawk li jfasslu l-politika u l-utenti tad-dejta mhux se jkunu sodisfatti aktar bid-dejta mxerrda u jduru għal sorsi oħra tad-dejta.

L-Alternattiva B tindirizza l-immodernizzar tas-sistema attwali tal-Istatistika Ewropea tan-Negozju sa ċertu punt, biex jiġu aġġornati d-dejta tal-produzzjoni u l-output tad-dejta għall-politika u għal utenti oħra. Huwa minnu wkoll li bl-immodenizzar tas-sistema tal-Intrastat, għandu jonqos il-piż tal-fornituri tad-dejta. Iżda din l-Alternattiva ma ssolvix għadd ta' nuqqasijiet attwali. L-ewwel nett, iż-żamma ta' għaxar (10) atti leġiżlattivi separati għall-istatistika tan-negozju tfisser li hemm bżonn isiru aktar sforzi biex jonqsu l-inkonsistenzi u biex tinżamm il-koerenza tad-dejta u tal-indikaturi li nħolqu għall-utenti tal-politika fil-futur, u li se toħloq ukoll volum ta' xogħol qawwi għall-ġestjoni u għall-aġġornamenti ta' dawn il-biċċiet ta' leġiżlazzjoni. L-azzjonijiet ta' titjib proposti f'din l-Alternattiva fil-fatt ma jżidux il-ħeffa u l-ħila tar-rispons biex jinbidlu l-ħtiġijiet tal-politika u ta' utenti oħra.

L-Alternattiva C hi l-aktar waħda avvanzata u l-aktar waħda li tħares 'il quddiem għax timmodernizza s-sistema tal-istatistika Ewropea tan-negozju biex tkun adattata għall-futur. L-

istatistika Ewropea tan-negozju se tingħabar f'qafas legali wieħed (il-FRIBS) li se jiggarantixxi b'mod impliċitu ferm aktar konsistenza tal-istatistika tan-negozju (eż. mil-lat tal-mument opportun meta jsiru l-bidliet u l-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet, eċċ). Dan jippermetti li jinkisbu aktar benefiċċji mis-sistema tal-ESS kollha kemm hi u fl-istess ħin jimmassimizza l-valur miżjud tal-UE. Il-fruntieri bejn id-diversi oqsma tal-istatistika se jonqsu jew saħansitra jispiċċaw għalkollox. Dan l-allinjament se jagħmilha possibbli biex jaqdi l-ħtiġijiet tal-politika ħafna aħjar għax ikunu jistgħu jixterdu indikaturi u taħlitiet ta' indikaturi aktar razzjonalizzati. Għall-kuntrarju taż-żewġ alternattivi l-oħra, dan se jżid ukoll il-ħeffa tas-sistema. Ċerti ħtiġijiet tal-politika ġodda jistgħu jiġu ssodisfati b'inqas dewmien u jiġu integrati f'sistema mfassla sew u li taħdem. Barra minn hekk, b'kuntrast mal-Alternattiva B, l-Alternattiva C timminimizza l-ispejjeż għall-adattamenti tal-istatistika mxerrda u tal-qafas legali sottostanti, għax ir-reviżjonijiet meħtieġa kollha jiddaħħlu aktar faċilment u f'daqqa. L-aktar importanti iżda li l-Alternattiva C għandha – bil-bosta – l-akbar potenzjal biex jonqos il-piż fuq l-intrapriżi.

Bħala konklużjoni, dawn il-vantaġġi kollha jiffavorixxu biċ-ċar lill-Alternattiva C. Din tissodisfa l-aħjar l-għanijiet tal-programm REFIT billi tissimplifika, tnaqqas il-piż amministrattiv mhux meħtieġ u tirrazzjonalizza t-testi legali eteroġeni u inkonsistenti li bħalissa jirregolaw l-istatistika tan-negozju f'qafas legali koerenti wieħed.

Filwaqt li jesprimi opinjoni pożittiva, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju kellu tliet rakkomandazzjonijiet ewlenin għal titjib tar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt. Dawn huma:

1) Din il-firxa ta' alternattivi li ġew ippreżentati u analizzati fil-bidu tqieset li mhix sħiħa għax il-proċess ta' konsultazzjoni fuq is-subalternattivi possibbli dwar l-immodernizzar tal-istatistika kummerċjali intra-Unjoni jissokta wara l-ewwel sottomissjoni tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt għall-iskrutinju tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (l-RSB). Il-Eurostat aġġorna l-lista tal-alternattivi ta' politika proposti, biex tkun tirrifletti l-konklużjonijiet tal-ESSC dwar l-immodernizzar tal-kummerċ intra-Unjoni.

2) Intalab li tissaħħaħ l-analiżi tal-implikazzjonijiet baġitarji possibbli fi Stati Membri individwali u li din tiddefinixxi jekk uħud minnhom humiex isibu aktar diffikultajiet bl-implimentazzjoni minn oħrajn u jekk ġewx ippjanati xi miżuri ta' taffija għal dawk l-Istati Membri. Il-Eurostat żied aktar kjarifiki li ngħataw lill-aktar pajjiżi milquta minn dawn il-bidliet. Barra minn hekk, ingħataw għadd ta' eżempji li għandhom x'jaqsmu mas-simplifikazzjonijiet previsti għal pajjiżi iżgħar u għall-potenzjal ta' razzjonalizzazzjoni u mmodernizzar li joffri l-FRIBS biex jinħolqu possibbiltajiet għal tnaqqis fl-ispejjeż fil-futur. Ġie spjegat ukoll li kien previst finanzjament (fi ħdan il-limiti tal-baġit disponibbli) għal azzjonijiet ħalli jinħolqu ġabriet ġodda tad-dejta.

3) Intalab li tissaħħaħ l-analiżi tal-impatti tal-piż amministrattiv fuq il-fornituri tad-dejta, u li tkun aktar flessibbli għall-SMEs, filwaqt li tkun tindika il-miżuri li għandhom jittieħdu biex l-SMEs jitħarsu mill-piżijiet miżjuda. Il-Eurostat iċċara l-impatti tal-piż amministrattiv fuq il-fornituri tad-dejta. Uħud mir-rekwiżiti tad-dejta addizzjonali b'reazzjoni għal ħtieġa speċifika tal-utent li ilha pendenti biex ikun jista' jsir monitoraġġ tal-azzjonijiet ta' politika fir-rigward tal-SMEs, tabilħaqq iżidu l-piż fuq l-SMEs. Għadd ta' eżempji juru li f'ħafna oqsma tal-Istatistika tan-Negozju hemm fis-seħħ miżuri speċjali biex jiżguraw li l-SMEs ikunu protetti minn piż żejjed u l-kompilaturi tad-dejta se jagħmlu sforzi partikolari biex jimminimizzaw il-piż fuq l-SMEs minħabba dawk ir-rekwiżiti l-ġodda tad-dejta.

Wara l-approvazzjoni tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt, id-deċiżjoni ttieħdet, wara li tqiesu l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti f'Settembru 2016, biex l-Istatistika dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-FDIs) titneħħa mill-kopertura tar-Regolament FRIBS għax id-dimensjoni tal-istatistika tan-negozju tal-FDIs hija anqas ċara mill-Istatistika dwar il-Kummerċ Internazzjonali tas-Servizzi li bħalissa hija koperta wkoll mir-Regolament dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti[5]. Għalhekk ir-rekwiżiti tal-FDIs għad iridu jiġu koperti minn dan ir-Regolament dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti. Madankollu dan ma jbiddilx il-konklużjonijiet tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Il-proposta tissodisfa l-għanijiet tas-simplifikazzjoni tal-programm REFIT, b'mod partikolari għax din tirrazzjonalizza għaxar regolamenti f'qafas regolatorju uniku u tnaqqas il-piż minn fuq in-negozji, l-aktar l-SMEs. Tqiesu wkoll l-ispejjeż tal-implimentazzjoni u ġew ikkontrollati għalkollox.

Għalkemm l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw kemm jista' jkun sorsi amministrattivi u innovattivi li mhumiex stħarriġiet, fosthom metodi ġodda jew approċċi innovattivi, ir-reazzjoni għall-ħtiġijiet il-ġodda tal-utenti żżid il-piż fuq ir-rispondenti. Iżda dan il-piż addizzjonali jkun ferm iżjed milli kkumpensat bis-simplifikazzjonijiet, b'mod partikolari fil-qasam tal-istatistika kummerċjali intra-Unjoni. B'mod ġenerali, ir-Regolament FRIBS huwa mistenni jiġġenera tnaqqis fil-piż amministrattiv għan-negozji ta' mill-inqas 13,5 % kull sena.

Uħud mir-rekwiżiti tad-dejta addizzjonali li jkopri r-Regolament FRIBS jaf iżidu l-piż fuq l-SMEs, l-aktar fir-rigward tal-estensjoni tal-istatistika tan-negozju biex tkun tkopri attivitajiet tas-servizzi li qabel ma kinux koperti. Madankollu, dan parzjalment jinħoloq għax titwieġeb ħtieġa speċifika tal-utent li ilha pendenti biex ikun jista' jsir monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-politika Ewropea u nazzjonali fir-rigward tal-SMEs li dwarhom bħalissa hemm ċerta informazzjoni suffiċjenti nieqsa għax xi attivitajiet tas-servizzi pprovduti mill-SMEs għadhom mhumiex koperti. Sabiex jiġi limitat il-piż addizzjonali, il-kompilaturi tad-dejta huma mħeġġa jużaw kemm jista' jkun dejta amministrattiva eżistenti (eż. mingħand l-awtoritajiet tat-taxxa) biex jirreaġixxu għal din it-talba għad-dejta, u li jnaqqsu kemm jista' jkun l-użu tal-istħarriġiet, l-aktar għall-SMEs.

Is-simplifikazzjonijiet previsti mill-FRIBS fil-qasam tal-istatistika kummerċjali intra-Unjoni jistgħu jnaqqsu l-piż lill-SMEs. Iżda dejjem se jkun hemm SMEs individwali li ma jibbenefikawx mit-tnaqqis fil-piż jew saħansitra jġarrbu żiediet fil-piż. Fil-fatt, għalkemm ħafna drabi wieħed jista' jistenna li jkun hemm xi tip ta' rabta bejn id-daqs ta' kumpanija u mal-volum tal-kummerċ tagħha, in-negozji ż-żgħar jista' jkollhom volumi kbar ta' kummerċ filwaqt li l-kumpaniji l-kbar ikollhom ftit jew l-ebda kummerċ.

Il-proposta hija konsistenti mal-opinjoni tal-Pjattaforma REFIT dwar l-istatistika tal-investimenti fil-protezzjoni ambjentali, li tinkludi rakkomandazzjoni tal-maġġoranza tal-grupp tal-gvernijiet u ta' wħud mill-membri tal-grupp tal-partijiet konċernati biex il-Kummissjoni tkompli l-valutazzjoni tagħha dwar ir-rekwiżiti tar-rappurtar idduplikati b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009 (fil-qasam tal-SBS) u mar-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ambjentali, u r-Regolament dwar l-

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani (ĠU L 35, 8.2.2005, p.23-55).

istatistika strutturali tan-negozju jibdluh bir-Regolament Qafas il-ġdid għall-integrazzjoni tal-istatistika tan-negozju (il-FRIBS).

L-opinjoni tal-Pjattaforma tikkonferma s-sejbiet tal-Kummissjoni li hemm rappurtar doppju. Biex tindirizza din, il-proposta tal-FRIBS ma tinkludix l-aspetti tal-kontijiet tan-nefqa fil-protezzjoni ambjentali, u b'hekk dawn se jkoprihom biss ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej. Għaldaqstant mhu se jkun hemm l-ebda duplikazzjoni/rappurtar doppju.

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-"Kontroll Diġitali" għax tippromwovi l-interoperabbiltà u l-użu mill-ġdid billi tuża l-istess speċifikazzjonijiet tekniċi tas-settijiet tad-dejta u l-istess standards għat-trażmissjoni tad-dejta u tal-metadejta, l-iskambju u l-qsim tal-informazzjoni bejn il-Eurostat u l-Istati Membri.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt finanzjarju ta' din il-proposta ma għandux żmien limitat, jibda b'perjodu ta' tliet (3) snin, mill-2019 sal-2021. Fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tqiesu biss is-snin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali. It-tkomplija tal-finanzjament se tkun kundizzjonali għall-ftehimiet li jintlaħqu għall-QFP li jmiss u għat-tkomplija tal-programmi speċifiċi li għalihom hu previst il-finanzjament.

Għall-2019 u l-2020, il-finanzjament se jiġi pprovdut mill-allokazzjonijiet eżistenti għal programmi, inkluż EUR 19,5-il miljun mill-estensjoni tal-Programm Ewropew tal-Istatistika sal-2019 u sal-2020 u ma jkun hemm bżonn l-ebda finanzjament addizzjonali.

L-approprjazzjonijiet totali għall-2019 u l-2020 huma stmati għal EUR 46,453 miljun. L-implikazzjonijiet baġitarji dettaljati huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Il-pjanijiet tal-implimentazzjoni u l-arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Ir-Regolament propost hu mistenni jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2017 jew fl-2018, u l-Kummissjoni tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni ftit wara. L-ewwel trażmissjoni tad-dejta skont ir-Regolament il-ġdid hija mistennija fl-2019.

L-istrument leġiżlattiv propost se jkun soġġett għal evalwazzjoni sħiħa, flimkien mal-ħames kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fil-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, biex fost l-oħrajn tivvaluta kemm kien effettiv u effiċjenti biex jilħaq l-għanijiet tiegħu, u biex tiddeċiedi jekk hemmx bżonn xi miżuri jew emendi ġodda. F'dak ir-rigward, se jsir monitoraġġ ta' lista ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-istatistika tan-negozju.

Hu importanti li ssir referenza għall-għodod ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li huma fis-seħħ bħalissa, u li huma validi għall-produzzjoni tal-istatistika tal-Eurostat, li diġà jippermettu li ssir analiżi tajba tal-evoluzzjoni tal-effettività u tal-effiċjenza tal-inizjattiva l-ġdida tal-istatistika u tal-kwalità tad-dejta prodotta. Dawn jikkonsistu minn evalwazzjoni sistematika ta' nofs it-terminu u finali tal-Programm Ewropew tal-Istatistika, flimkien mal-ħames kriterji tal-evalwazzjoni tal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar. L-istatistika tan-negozju hija parti integrali minn dawn il-mekkaniżmi tar-rappurtar, mis-segwitu tal-indikaturi tal-

prestazzjoni ewlenin fil-pjan ta' ġestjoni tal-Eurostat, u mill-istħarriġiet regolari tas-sodisfazzjon tal-utenti.

Kull qasam tal-istatistika hu kkontrollat ukoll b'rapporti tal-kwalità, li l-Istati Membri jagħmlu b'mod regolari u li l-Eurostat janalizza, bħala parti mill-qafas tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-istatistika.

Barra minn hekk, se jsir monitoraġġ tal-elementi tal-ispejjeż. Dan jeħtieġ titjib u armonizzazzjoni tal-qafas tar-rappurtar tal-ispejjeż għall-ESS kollha li jkun jidentifika l-fażijiet tal-produzzjoni tal-istatistika. Bħalissa għaddejja l-ħidma f'dan ir-rigward, u hu ppjanat li tintemm fil-ħin biex ikun jista' jsir il-monitoraġġ tal-ispejjeż relatati mar-Regolament FRIBS ladarba dan jidħol fis-seħħ.

• **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-Regolament propost fih 23 Artikolu u tliet Annessi.

L-Artikoli 1 sa 3 fil-Kapitolu I fihom id-dispożizzjonijiet ġenerali. L-Artikolu 1 jistabbilixxi s-suġġett ta' dan ir-Regolament. Il-kunċetti ewlenin użati f'dan ir-Regolament huma definiti fl-Artikolu 2. L-Artikolu 3 jkompli jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni għall-istatistika tan-negozju u anki għan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju.

Il-Kapitolu II fih l-Artikoli 5 u 6 u jikkonċerna s-sorsi tad-dejta li jridu jintużaw għall-istatistika tan-negozju u għar-reġistri tal-istatistika tan-negozju. Il-proposta tippermetti u tippromwovi l-użu ta' formoli ġodda għall-ġbir tad-dejta u l-użu ta' sorsi alternattivi tad-dejta, inkluż id-dejta amministrattiva u sorsi oħra bħall-istima bi mmudellar jew l-użu tal-Big Data. Ir-rwol ta' dan tal-aħħar jiddefinih aktar l-Artikolu 4.

Il-Kapitolu III jikkonċerna l-istatistika tan-negozju. L-istatistika tan-negozju tkopri l-oqsma tas-suġġetti u t-temi elenkati fl-Artikolu 6 li għalihom il-Kummissjoni għandha s-setgħa fl-Artikolu 7 biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa tas-settijiet tad-dejta. L-oqsma tas-suġġetti, it-temi u t-temi fid-dettall li jridu jingħataw huma elenkati fl-Anness I. L-Anness II jistabbilixxi l-perjodiċità li biha jridu jingħataw it-temi. Il-Kummissjoni se tkun tista' tagħti dettalji dwar is-suġġetti u l-karatteristiċi tat-temi dinamiċi "Użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku", "Innovazzjoni" u "Katini ta' valur globali" permezz ta' atti delegati. It-temi fid-dettall inklużi fl-Anness I jistgħu jiġu emendati wkoll b'att delegat fi ħdan il-limiti stabbiliti fil-klawżoli ta' salvagwardja.

Il-Kapitolu IV jkopri 3 artikoli relatati mar-reġistri tan-negozju. In-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju huwa stabbilit fl-Artikolu 8. L-Artikolu 9 jistabbilixxi r-rekwiżiti għan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju. L-Anness III jispeċifika iżjed l-elementi tan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju (il-karatteristiċi tar-reġistru, l-identifikatur uniku, ir-referenza taż-żmien u l-perjodiċità). Il-karatteristiċi tar-reġistru jistgħu jingħataw f'aktar dettall permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. L-Artikolu 10 fih dispożizzjonijiet rigward l-iskambju tad-dejta kunfidenzjali, u l-aċċess għaliha, għall-finijiet tan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta miżuri ta' implimentazzjoni rigward l-iskambju tad-dejta kunfidenzjali għall-finijiet tan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju.

Il-Kapitolu V fih 5 artikoli relatati mal-iskambju tad-dejta kunfidenzjali għall-finijiet tal-istatistika tal-kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti. L-Artikolu 11 jistabbilixxi l-prinċipju tal-iskambju tad-dejta u tal-metadejta għal din l-istatistika. L-Artikolu 12 jispeċifika l-informazzjoni tal-istatistika li trid tiġi skambjata u l-Artikolu 13 jelenka l-elementi tad-dejta tal-istatistika. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 jirregolaw il-protezzjoni tad-dejta

kunfidenzjali skambjata u l-Artikolu 15 hu dwar l-aċċess għad-dejta kunfidenzjali skambjata għal finijiet xjentifiċi.

Il-Kapitolu VI jerġa' jgħaqqad it-tliet Artikoli dwar il-kwalità, it-trażmissjoni u t-tixrid: il-kwalità tad-dejta u r-rappurtar tal-metadejta (l-Artikolu 16), it-trażmissjoni tad-dejta u tal-metadejta (l-Artikolu 17) u l-kunfidenzjalità fejn jidħol it-tixrid tad-dejta tal-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti (l-Artikolu 18).

Il-proposta tkopri għadd ta' aspetti oħra importanti tal-immodernizzar tal-istatistika Ewropea tan-negozju fil-Kapitolu VII:

- l-istabbiliment ta' studji pilota, għal valutazzjoni tar-rilevanza u tal-fattibbiltà li jitwettqu ġabriet ġodda tad-dejta ġdida u li jitjiebu s-settijiet tad-dejta (l-Artikolu19),
- id-dispożizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju li jista' jingħata lill-Istati Membri b'ċerti kundizzjonijiet (l-Artikolu 20).

Fl-aħħar Kapitolu, ir-Regolament fih id-dispożizzjonijiet dwar l-eżerċizzju tad-delega (l-Artikolu 21) skont il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ta' April 2016, il-proċedura ta' Kumitat (l-Artikolu 22), il-koperazzjoni ma' Kumitati oħra (l-Artikolu 23), id-dispożizzjonijiet għal derogi li jagħtu aktar żmien għall-adattament għar-rekwiżiti l-ġodda f'xi Stati Membri (l-Artikolu 24). Dan il-Kapitolu fih ukoll l-emenda ta' Regolament wieħed (l-Artikolu 25) li d-dettalji tagħha jinsabu fl-Anness IV u t-tħassir tal-għaxar atti eżistenti biex jinbidlu b'dan ir-Regolament Qafas propost (l-Artikolu 26).

2017/0048 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju**
**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 u li jħassar l-10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni tal-istatistika dwar l-attività ekonomika tan-negozji tal-Istati Membri s'issa dejjem ġew ibbażati fuq għadd ta' atti legali individwali. Dawk l-atti legali jkopru statistika tan-negozji li hi strutturali u fuq żmien qasir, l-istatistika dwar il-produzzjoni, is-servizzi internazzjonali tal-kummerċ (intra-Unjoni u estra-Unjoni) tal-oġġetti u tas-servizzi, l-affiljati barranin, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, u l-użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku. Barra minn hekk, qafas komuni għar-reġistri tan-negozju b'finijiet ta' statistika fl-Unjoni kien ġie stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6].

(2) Din l-istruttura, ibbażata fuq atti legali individwali, la tipprovdi l-konsistenza meħtieġa fost l-oqsma individwali tal-istatistika u lanqas tippromwovi approċċ integrat għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika tan-negozju. Jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas legali komuni biex jiżgura l-konsistenza fost l-istatistika Ewropea tan-negozju u biex teħfief l-integrazzjoni tal-proċessi tal-istatistika korrispondenti.

(3) Bi proċessi tal-istatistika integrati aħjar u bbażati fuq prinċipji komuni tal-metodoloġija, id-definizzjonijiet u l-kriterji tal-kwalità, jenħtieġ li jwasslu għal statistika armonizzata dwar l-istruttura, l-attivitajiet ekonomiċi, it-tranżazzjonijiet u l-prestazzjoni tas-settur tan-negozju fl-Unjoni li tkun tilħaq il-livell ta' rilevanza u dettall meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti.

---

6 Ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93 (ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6)

(4) Il-linji gwida internazzjonali, bħall-manwal ta’ Frascati dwar l-istatistika tar-R&Ż u l-manwal ta’ Oslo dwar id-dejta tal-innovazzjoni u l-ftehimiet internazzjonali adottati min-Nazzjonijiet Uniti, l-OECD, il-Fond Monetarju Internazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali u sopranazzjonali oħra, għandhom rilevanza għall-istatistika Ewropea tan-negozju. Sa fejn ikun possibbli, dawn il-gwidi jenħtieġ li jiġu segwiti għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għat-tixrid tal-istatistika tal-Unjoni u min-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju, biex ikun żgurat li l-istatistika tal-Unjoni tkun komparabbli ma’ dik li jikkumpilaw is-sħab internazzjonali ewlenin tal-Unjoni. Madankollu, l-istandards tal-Unjoni, il-ftehimiet u l-linji gwida jenħtieġ li dejjem jiġu applikati meta tinġabar l-istatistika Ewropea tan-negozju fejn jidħlu t-temi: “Inputs tar-R&Ż” u “Innovazzjoni”.

(5) Il-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi żgħar u medji jenħtieġ li jkun kemm jista’ jkun limitat, filwaqt li sa fejn ikun possibbli jitqiesu sorsi oħra tad-dejta li mhumiex stħarriġ. Biex jittaffa l-piż minn fuq l-intrapriżi jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu stabbiliti rekwiżiti differenti tad-dejta skont id-daqs u l-importanza tal-ekonomiji tan-negozju tal-Istati Membri.

(6) Il-Viżjoni 2020 tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) iddikjarat li d-dejta jenħtieġ li tintuża fl-oqsma kollha tal-istatistika biex jiġu analizzati aħjar il-fenomeni emerġenti (eż. il-globalizzazzjoni) u biex il-politiki tal-UE b’impatt kbir ikunu jistgħu jinqdew aħjar. L-output tad-dejta jenħtieġ li jkun ibbażat fuq proċessi tal-istatistika tal-ESS li jkunu sodi u effiċjenti. Il-kamp tal-applikazzjoni usa’ tal-qafas legali komuni għall-istatistika tan-negozju jenħtieġ li jippermetti li ssir integrazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni interdependenti li jieħdu minn diversi sorsi.

(7) Il-Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (il-MEETS) adottat skont id-Deċiżjoni Nru 1297/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], li opera bejn l-2009 u l-2013 kellu l-għan li jgħin lill-istatistika relatata man-negozju u mal-kummerċ biex tadatta għall-ħtiġijiet il-ġodda tad-dejta u jaġġusta s-sistema għall-produzzjoni tal-istatistika tan-negozju. Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn dan il-programm rigward il-prijoritajiet u s-settijiet il-ġodda tal-indikaturi, ir-razzjonalizzazzjoni tal-qafas tal-istatistika relatata man-negozju, it-titjib fl-effiċjenza tal-produzzjoni tal-istatistika tan-negozju u kummerċjali u l-immodernizzar tal-Intrastat, jenħtieġ li jissarrfu f’dispożizzjonijiet legalment vinkolanti.

(8) Hemm bżonn approċċ aktar flessibbli fi ħdan il-qafas tal-istatistika Ewropea tan-negozju biex ikunu jistgħu jsiru adattamenti għall-iżviluppi metodoloġiċi u jsir rispons fil-ħin għall-ħtiġijiet emerġenti u ġustifikati tal-utenti tad-dejta li jirriżultaw mill-ambjent ekonomiku li qed jinbidel u mill-globalizzazzjoni u l-kumplessità dejjem akbar tan-negozju. Dawn l-adattamenti futuri jenħtieġ li jkunu appoġġati b’analiżi adegwata tal-ispejjeż u l-benefiċċji, filwaqt li r-rekwiżiti tad-dejta l-ġodda li jiġu stabbiliti ma għandhomx jimponu piż jew spejjeż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

(9) Ir-rwol tar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u tar-reġistru tal-EuroGruppi jenħtieġ li jittejbu bħala infrastruttura bażika għall-ġbir u għall-kompilazzjoni tal-istatistika Ewropea tan-negozju. Ir-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju

[7] Id-Deċiżjoni Nru 1297/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS), (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 76)

jenħtieġ li jintużaw bħala sors ta' informazzjoni għall-analiżi tal-istatistika tal-popolazzjoni tan-negozju u tad-demografija tagħha, għad-definizzjoni tal-popolazzjoni tal-istħarriġ u biex tiġi stabbilita r-rabta għas-sorsi tad-dejta amministrattiva.

(10) Biex ikun żgurat ir-rwol tar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u tar-reġistru tal-EuroGruppi, jenħtieġ li jiġi definit u implimentat identifikatur uniku għall-unitajiet rilevanti kollha.

(11) Jenħtieġ li tinkiseb id-delinjazzjoni t-tajba tal-gruppi tal-intrapriżi tar-reġistru tal-EuroGruppi b'dejta affidabbli u fil-ħin, billi jintużaw kriterji armonizzati u b'aġġornament regolari tal-informazzjoni dwar ir-rabtiet tal-kontroll bejn l-unitajiet legali li jiffurmaw parti mill-gruppi tal-intrapriżi.

(12) Biex titjieb l-effiċjenza tal-proċessi tal-produzzjoni tal-istatistika tal-ESS u biex jonqos il-piż tal-istatistika fuq ir-rispondenti, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jaċċessaw u jużaw ir-rekords amministrattivi nazzjonali kollha, fil-pront u bla ħlas, u li jintegraw dawn ir-rekords amministrattivi mal-istatistika, sa fejn ikun meħtieġ għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għat-tixrid tal-istatistika Ewropea tan-negozju, b'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8].

(13) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprovdi qafas ta' referenza għall-istatistika Ewropea. B'mod partikolari, dan jeżiġi konformità mal-prinċipji tal-indipendenza professjonali, tal-imparzjalità, tal-oġġettività, tal-affidabbiltà, tal-kunfidenzjalità tal-istatistika, u tal-kosteffettività.

(14) L-iskambju u l-aċċess għall-mikrodejta mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika li jipproduċu l-istatistika tan-negozju u li jħaddmu n-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika jenħtieġ li jiddaħħlu għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għat-tixrid tal-istatistika nazzjonali jew Ewropea tan-negozju jew biex tiżdied il-kwalità tal-istatistika Ewropea tan-negozju. Għalhekk l-iskambju tal-mikrodejta jenħtieġ li jiġi limitat għal każijiet ġustifikati kif xieraq.

(15) Il-ħolqien ta' sors addizzjonali tad-dejta bbażat fuq l-iskambju tal-mikrodejta dwar l-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti, u l-possibbiltà li jintużaw metodoloġiji innovattivi jżidu l-flessibbiltà għall-Istati Membri fil-kompilazzjoni tal-istatistika tagħhom tal-kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti, u b'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jnaqqsu l-piż tar-rispons tan-negozji. Il-finijiet tal-iskambju għandhom ikunu l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid effiċjenti tal-istatistika Ewropea tal-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti jew it-titjib tal-kwalità tagħha.

(16) In-negozjati, l-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi jew multilateralment jeżiġu li l-informazzjoni meħtieġa tal-istatistika fuq il-flussi kummerċjali tal-Istati Membri mal-pajjiżi li mhumiex membri fl-UE jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-Kummissjoni.

---

8 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' dejta soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164)

(17) Jenħtieġ li tinżamm rabta mill-qrib bejn is-sistema għall-ġbir tal-informazzjoni tal-istatistika u l-formalitajiet fiskali relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud li teżisti fil-kuntest tal-kummerċ tal-oġġetti bejn l-Istati Membri. B'mod partikolari, din ir-rabta tagħmilha possibli biex, għall-finijiet tal-istatistika tal-kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti, jiġu identifikati l-esportaturi u l-importaturi u ssir verifika tal-kwalita tal-informazzjoni miġbura.

(18) Il-movimenti transfruntieri tal-oġġetti, l-aktar minn u lejn il-pajjiżi terzi, huma soġġetti għas-superviżjoni doganali kif previst bir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. L-awtoritajiet doganali jżommu jew ikollhom aċċess għal informazzjoni jew rekords rilevanti għal dawn il-movimenti. L-informazzjoni jew ir-rekords, li huma relatati mad-dikjarazzjonijiet doganali jew ibbażati fuqhom, jenħtieġ li jintużaw għall-produzzjoni ta' statistika dwar il-kummerċ tal-Unjoni tal-oġġetti.

(19) Biex tiġi prodotta l-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti u biex titjieb il-kwalità ta' dik l-istatistika, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika fl-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiskambjaw id-dejta dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-oġġetti li jkunu jinvolvu lill-awtoritajiet doganali ta' aktar minn Stat Membru wieħed.

(20) Biex twettaq il-kompiti tagħha li jirriżultaw mit-Trattati, l-aktar il-kompiti relatati mal-funzjonament tas-suq intern, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha informazzjoni sħiħa, aġġornata u affidabbli dwar il-produzzjoni tal-oġġetti u tas-servizzi fl-Unjoni u dwar il-flussi tal-kummerċ internazzjonali. L-intrapriżi għandhom bżonn din l-informazzjoni wkoll biex jissorveljaw is-swieq tagħhom u d-dimensjoni internazzjonali tagħhom.

(21) Hemm bżonn li wieħed jipprovdi l-istatistika tan-negozju li tkun strutturata skont is-settur tal-attività, biex titkejjel il-produttività tan-negozji fl-Unjoni. B'mod partikolari, kulma jmur qed tiżdied id-domanda tal-istatistika dwar is-settur tas-servizzi, li hu l-aktar settur dinamiku tal-ekonomiji moderni, l-aktar mil-lat tal-potenzjal tas-settur biex jikber u joħloq l-impjiegi filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet mas-settur tal-manifattura. L-istatistika tal-kummerċ tas-servizzi hija essenzjali għall-monitoraġġ tal-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi u għal valutazzjoni tal-impatt tal-ostakli fuq il-kummerċ tas-servizzi.

(22) Il-monitoraġġ tal-progress lejn l-għanijiet stabbiliti bl-istrateġija Ewropa 2020 fil-livell tal-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ statistika armonizzata għall-ekonomija tal-Unjoni dwar ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, u s-soċjetà tal-informazzjoni li tkopri kemm l-attivitajiet tas-suq kif ukoll l-attivitajiet mhux tas-suq u fuq l-ambjent kummerċjali b'mod ġenerali, l-aktar dwar id-demografija tan-negozju u l-impjiegi relatati mal-attivitajiet tas-suq. Din l-informazzjoni tippermetti lil min jiddeċiedi biex jieħu deċiżjonijiet ta' politika infurmati biex tiġi żviluppata ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni, jittejjeb l-aċċess għas-suq uniku għan-negozji żgħar u medji, tiġi żviluppata l-intraprenditorija u tissaħħaħ il-kompetittività.

(23) Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi fl-Unjoni u fiż-żona tal-euro, u l-għoti ta' informazzjoni lill-operaturi ekonomiċi fi ħdan is-suq uniku jeħtieġu dejta komparabbli dwar l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol, inkluż l-istatistika dwar l-ispejjeż lavorattivi, il-

[9] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)

qligħ u l-għadd ta' postijiet battala u okkupati. Barra minn hekk, it-tagħlim tul il-ħajja huwa element essenzjali fl-iżvilupp u fil-promozzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa, imħarrġa u adattati, u jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lit-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi bħala kontributur kruċjali għat-tagħlim tul il-ħajja. Din id-dejta primarjament tinġabar min-negozji u fil-futur din jenħtieġ li ssir leġiżlazzjoni u tkun integrata aħjar ma' statistika oħra tal-kummerċ. Hemm bżonn dejta dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-ispejjeż lavorattivi u dwar l-istruttura u d-distribuzzjoni tal-qligħ, biex jiġu vvalutati l-iżviluppi fuq żmien medju tal-ekonomiji tal-Unjoni. Hemm bżonn dejta dwar l-iżviluppi fl-ispejjeż lavorattivi u dwar il-postijiet tax-xogħol battala biex isir monitoraġġ fuq żmien qasir tal-ekonomiji tal-Unjoni, inkluż għal finijiet ta' politika monetarja. Hemm bżonn dejta dwar l-investiment tal-intrapriżi f'taħriġ vokazzjonali kontinwu, il-karatteristiċi u l-volum ta' dan it-taħriġ kif ukoll informazzjoni dwar l-istrateġiji tal-intrapriżi għat-taħriġ vokazzjonali, biex isir monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Unjoni għal koperazzjoni mtejba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

(24) Hemm bżonn statistika dwar l-attivitajiet tal-innovazzjoni, tar-riċerka u tal-iżvilupp, biex isir żvilupp u monitoraġġ tal-politiki li għandhom l-għan li jsaħħu l-kompetittività tal-Istati Membri u jżidu l-potenzjal tagħhom fuq żmien medju u fit-tul għal tkabbir u impjiegi intelliġenti. Anki l-ekonomija diġitali li qed tikber u ż-żieda fl-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni huma fost l-aktar muturi importanti tal-kompetittività u tat-tkabbir fl-Unjoni, u għalhekk hemm bżonn dejta tal-istatistika li twieżen l-istrateġiji u l-politiki relatati.

(25) Hemm bżonn ukoll l-istatistika tan-negozju biex jiġu kumpilati kontijiet nazzjonali u reġjonali skont ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].

(26) L-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali tas-servizzi, kif mitluba għall-kumpilazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Unjoni u taż-żona tal-euro, hi definita mill-Kummissjoni (il-Eurostat) u mill-Bank Ċentrali Ewropew b'koperazzjoni mill-qrib.

(27) Hemm bżonn statistika affidabbli u fil-ħin biex isir rapport fuq l-iżvilupp ekonomiku f'kull Stat Membru fi ħdan il-qafas tal-politika ekonomika tal-Unjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew jeħtieġ statistika fuq żmien qasir malajr biex jivvaluta l-iżvilupp ekonomiku fl-Istati Membri fil-kuntest tal-Politika Monetarja Unika.

(28) Filwaqt li jinżamm il-prinċipju li tingħata statistika tan-negozju fuq l-ekonomija kollha kemm hi, ir-rekwiżiti tad-dejta jenħtieġ li jqisu l-miżuri ta' simplifikazzjoni sa fejn ikun possibbli, biex jittaffa l-piż minn fuq l-ekonomiji tan-negozju tal-Istati Membri li huma relattivament żgħar, b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

(29) Jenħtieġ li jintużaw l-istandards internazzjonali, bħall-inizjattiva tal-Iskambju tad-Dejta u tal-Metadejta tal-Istatistika (SDMX), u l-istandards tekniċi u tal-istatistika elaborati fl-ESS, bħall-istandards tal-metadejta u tal-validazzjoni, sa fejn ikun rilevanti wkoll għall-istatistika Ewropea tan-negozju. Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva r-Rapporti tal-ESS dwar l-Istandards tal-Kwalità, b'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dawn l-istandards jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni tal-assigurazzjoni tal-kwalità u tar-rappurtar skont dan ir-Regolament.

---

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1)

(30) Biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa biex tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tat-temi fid-dettall stabbiliti fl-Annessi I u II, kif ukoll ir-rata ta' kopertura għall-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha wkoll is-setgħa li t-temi fid-dettall tissupplimentahom b'suġġetti u karatteristiċi għall-istatistika dinamika tan-negozju dwar l-ICT, l-Innovazzjoni u l-Katini tal-valur globali, u l-informazzjoni preċiża li għandhom jagħtu l-awtoritajiet tat-taxxa u doganali. Hu tassew importanti li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell espert, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[11]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin meta jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom għandhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(31) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni teknika ta' ċerti elementi tar-rekwiżiti, inkluż għar-reġistri tan-negozju, is-setgħat ta' implimentazzjoni b'rabta mal-format, il-miżuri tas-sigurtà u tal-kunfidenzjalità u l-proċedura għall-iskambju tad-dejta kunfidenzjali għall-finijiet tan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju, it-trażmissjoni tad-dejta u tal-metadejta, il-kwalità tad-dejta u r-rappurtar tal-metadejta, u d-derogi, jenħtieġ li jingħataw lill-Kummissjoni. Għall-istess finijiet, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni rigward il-format u l-modalitajiet tiegħu, il-miżuri tas-sigurtà u tal-kunfidenzjalità u l-proċedura għall-iskambju tad-dejta kunfidenzjali għall-finijiet tal-istatistika tal-kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti, l-ispeċifikazzjonijiet tal-metadejta rilevanti, l-iskeda taż-żmien, il-modalitajiet tal-ġbir u tal-kumpilazzjoni tal-informazzjoni tal-istatistika dwar esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti pprovduta lill-Istat Membru tal-importazzjoni, il-modalitajiet għall-applikazzjoni tar-rata ta' kopertura tal-esportazzjonijiet intra-Unjoni totali tal-oġġetti, l-elementi tad-dejta tal-istatistika għall-mikrodejta miġbura bi stħarriġiet fuq il-kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti li għandhom jingħataw lill-Istat Membru tal-importazzjoni u s-simplifikazzjonijiet relatati. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12].

(32) Meta jkun xieraq, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u tiżgura li kull azzjoni li teżiġi ma tkunx timponi piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji mistennija għall-utent.

(33) Il-Kummissjoni tista' tagħti derogi għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati fil-kuntest tiegħu, meta din l-applikazzjoni twassal għal adattamenti kbar f'xi sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru mil-lat ta' organizzazzjoni ta' stħarriġiet addizzjonali jew ta' adattamenti kbar fis-sistema tagħhom tal-produzzjoni tal-istatistika biex jakkomodaw sorsi ġodda tad-dejta jew biex ikunu jistgħu jagħmlu tagħqid ta' sorsi differenti.

---

11 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

12 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

(34) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-istatistika Ewropea tan-negozju, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri iżda, minħabba l-armonizzazzjoni u l-komparabbiltà, dan jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.

(35) Il-miżuri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] jenħtieġ li jiġu emendati fir-rigward tar-referenzi għall-kummerċ internazzjonali tas-servizzi.

(36) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jieħdu post dawk tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91[14], tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98[15], tad-Deċiżjoni (KE) Nru 1608/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16], tar-Regolament (KE) Nru 48/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], tar-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19], tar-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], tar-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21], tar-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22], tar-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23]. Għalhekk dawk l-atti jenħtieġ li jitħassru.

(37) Ġie kkonsultat il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta.

(38) Ġie kkonsultat ukoll il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

---

13 Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani (ĠU L 35, 8.2.2005, p. 23)

14 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar it-twaqqif ta' stħarriġ fil-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali (ĠU L 374, 31.12.1991, p. 1)

15 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir (ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1)

16 Id-Deċiżjoni Nru 1608/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika Komunitarja dwar ix-xjenza u t-teknoloġija (ĠU L 230, 16.9.2003, p. 1)

17 Ir-Regolament (KE) Nru 48/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-produzzjoni ta' statistika Komunitarja annwali rigward l-industrija tal-azzar għas-snin ta' referenza 2003-2009 (ĠU L 7, 13.1.2004, p. 1)

18 Ir-Regolament (KE) 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/91 (ĠU L 102, 7.4.2004, p. 1)

19 Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49)

20 Ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività tal-affiljati barranin (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 17)

21 Ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93 (ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6)

22 Ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar statistika strutturali kummerċjali (formulazzjoni mill-ġdid) (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 13)

23 Ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 23)

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

# ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

*Is-suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali komuni:

(a) għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea relatata mal-istruttura, l-attivitajiet ekonomiċi u l-prestazzjoni tan-negozji, kif ukoll dwar it-tranżazzjonijiet internazzjonali u l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp tal-ekonomija tal-Unjoni (l-istatistika Ewropea tan-negozju);

(b) għan-netwerk Ewropew tar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u r-Reġistru tal-EuroGruppi.

*Artikolu 2*

*Id-definizzjonijiet*

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(a) "unità tal-istatistika" tfisser unitajiet tal-istatistika kif definit fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93[24];

(b) "unità tar-rappurtar" tfisser unità li tforni d-dejta;

(c) "qasam tas-suġġett" tfisser sett tad-dejta wieħed jew bosta, organizzati biex ikopri temi speċifiċi;

(d) "tema" u "tema fid-dettall" tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li trid tiġi kompilata dwar l-unitajiet tal-istatistika. It-temi fid-dettall jinkludi livell ogħla ta' dettall minn dak tat-temi. Tema tkopri għadd ta' temi fid-dettall;

(e) "varjabbli" tfisser karatteristika ta' unità osservata li tista' tassumi sett ta' valuri wieħed jew bosta;

(f) "karatteristika" tfisser xi kunċett astratt ta' proprjetà ta' oġġett jew ta' sett ta' oġġetti;

(g) "attività tas-suq" u "attività mhux tas-suq" tfisser l-attivitajiet kif definit fir-Regolament (UE) Nru 549/2013;

(h) "produttur tas-suq" u "produttur mhux tas-suq" tfisser il-produtturi kif definit fir-Regolament (UE) Nru 549/2013;

(i) "awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika" tfisser l-istituti nazzjonali tal-istatistika maħtura mill-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra responsabbli

---

24 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 Marzu 1993 dwar l-unitajiet tal-istatistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità (ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1)

għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għat-tixrid tal-istatistika Ewropea msemmija fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009;

(j) "sors awtorevoli" tfisser l-uniku fornitur tar-rekords tad-dejta, b'dejta mir-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u mir-reġistru tal-EuroGruppi skont l-istandards tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 16;

(k) "mikrodejta" tfisser osservazzjonijiet jew miżuri individwali ta' karatteristiċi ta' unitajiet tar-rappurtar jew unitajiet tal-istatistika idetifikabbli;

(l) "użu għall-finijiet tal-istatistika" tfisser l-użu esklużiv għall-iżvilupp u għall-produzzjoni ta' riżultati u analiżi tal-istatistika kif definit fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009;

(m) "dejta kunfidenzjali" tfisser dejta kif definit fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009;

(n) "awtorità tat-taxxa" tfisser l-awtorità nazzjonali fl-Istat Membru responsabbli biex tapplika d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE[25];

(o) "awtoritajiet doganali" tfisser awtoritajiet doganali kif definit fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

2. Għall-finijiet tal-Artikoli 11 sa 15, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(a) "Stat Membru tal-esportazzjoni" tfisser l-Istat Membru li l-oġġetti jiġu esportati mit-territorju tal-istatistika tiegħu lejn id-destinazzjoni tagħhom fl-Istat Membru tal-importazzjoni;

(b) "Stat Membru tal-importazzjoni" tfisser l-Istat Membru li l-oġġetti jiġu importati fit-territorju tal-istatistika tiegħu mill-Istat Membru tal-esportazzjoni;

(c) "oġġetti" tfisser kull proprjetà mobbli, inkluż l-enerġija elettrika u l-gass naturali.

*Artikolu 3*

*Il-kamp ta' applikazzjoni*

1. L-istatistika Ewropea tan-negozju għandha tkopri:

(a) l-istruttura, l-attivitajiet ekonomiċi u l-prestazzjoni tal-unitajiet tal-istatistika, l-attivitajiet tar-riċerka u tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni tagħhom, l-użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku tagħhom, kif ukoll il-katini tal-valur globali;

(b) il-produzzjoni tal-oġġetti manifatturati u tas-servizzi u l-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti u tas-servizzi.

2. In-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju għandu jkopri r-reġistri nazzjonali tan-negozju u r-Reġistru tal-EuroGruppi, kif ukoll l-iskambji bejniethom.

(a) Ir-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju għandhom jinkludu:

(i) l-intrapriżi kollha li jwettqu attivitajiet ekonomiċi li jikkontribwixxu għall-prodott domestiku gross (PDG) u l-unitajiet lokali tagħhom;

[25] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1)

(ii) l-unitajiet legali li minnhom jikkonsistu dawk l-intrapriżi;

(iii) l-Unità ta' Attività Ekonomika (l-UAE) jew il-kodiċi tan-NACE kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] u d-daqs ta' kull KAU li minnhom ikunu jikkonsistu dawk l-intrapriżi, b'mod ristrett għal dawk l-intrapriżi li minħabba d-daqs tagħhom għandhom influwenza sinifikanti fuq id-dejta (aggregat) nazzjonali;

(iv) il-gruppi tal-intrapriżi;

(b) Ir-Reġistru tal-EuroGruppi għandu jinkludi:

(i) l-intrapriżi kollha li jwettqu attivitajiet ekonomiċi li jikkontribwixxu għall-prodott domestiku gross (PDG) li jiffurmaw parti minn grupp tal-intrapriżi multinazzjonali;

(ii) l-unitajiet legali li minnhom jikkonsistu dawk l-intrapriżi;

(iii) il-gruppi tal-intrapriżi multinazzjonali.

(c) Id-djar ma għandhomx ikunu fil-kamp ta' applikazzjoni tan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju sa fejn l-oġġetti u s-servizzi li jipproduċu jkunu destinati għall-konsum tagħhom stess, jew ikunu jinvolvu l-kiri tal-propjetà tagħhom.

(d) L-unitajiet lokali tal-intrapriżi barranin li mhumiex entitajiet legali separati (fergħat) u li huma klassifikati bħala kważikorporazzjonijiet b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 549/2013, għandhom jitqiesu bħala intrapriżi għall-finijiet tar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u r-Reġistru tal-EuroGruppi.

(e) Il-gruppi tal-intrapriżi għandhom jiġu identifikati mir-rabtiet tal-kontroll bejn l-unitajiet legali tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 549/2013.

(f) Meta ssir referenza għar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u għar-Reġistru tal-EuroGruppi, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-unitajiet li jeżerċitaw għalkollox jew parzjalment xi attività ekonomika. Għall-finijiet tan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju, kull attività li tikkonsisti f'offerta ta' oġġetti u servizzi f'suq partikolari għandha titqies bħala attività ekonomika. Anke ż-żamma tal-assi u/jew tal-obbligazzjonijiet tista' titqies bħala attività. Minbarra dan, is-servizzi mhux tas-suq u li jikkontribwixxu għall-PDG, kif ukoll il-parteċipazzjonijiet diretti jew indiretti tal-unitajiet legali attivi, għandhom jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi għall-finijiet tan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju. L-unitajiet legali li ma jkunux attivi ekonomikament għandhom jitqiesu li huma parti minn intrapriża biss jekk jingħaqdu ma' unitajiet legali li jkunu attivi ekonomikament.

(g) L-unitajiet tal-istatistika fi ħdan in-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju għandhom jiġu definiti bħalma hemm fl-Anness tar-Regolament

---

[26] Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1)

(KEE) Nru 696/93 tal-Kunsill, soġġetti għal-limitazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu.

# KAPITOLU II

# IS-SORSI TAD-DEJTA

*Artikolu 4*

*Il-metodi u s-sorsi tad-dejta*

1. L-Istati Membri għandhom jipproduċu l-istatistika msemmija fl-Artikoli 6 u 7 kif ukoll ir-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju msemmija fl-Artikolu 9, bl-użu ta' sorsi tad-dejta rilevanti filwaqt li jkun evitat piż żejjed fuq ir-rispondenti u li titqies kif xieraq il-kosteffettività tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika. L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jistgħu jużaw dawn is-sorsi tad-dejta għall-produzzjoni tal-istatistika u tar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju meħtieġa skont dan ir-Regolament:

   (a) l-istħarriġiet: l-unitajiet tar-rappurtar li jintalbu mill-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jagħtu informazzjoni fil-ħin, preċiża u sħiħa li hija meħtieġa għall-produzzjoni tal-istatistika u tar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju meħtieġa skont dan ir-Regolament;

   (b) ir-rekords amministrattivi, inkluż l-informazzjoni mingħand l-awtoritajiet tat-taxxa u doganali;

   (c) l-iskambju tal-mikrodejta;

   (d) sorsi tal-informazzjoni oħra rilevanti li jkunu konformi mal-kriterji tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 16, inkluż tagħqidiet tas-sorsi tad-dejta eżistenti.

2. Meta l-istatistika meħtieġa ma tkunx tista' tiġi prodotta bis-sorsi tad-dejta msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu konformi mal-kriterji tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 16, l-Istati Membri jistgħu jipproduċu din l-istatistika b'metodi ta' stima u imputazzjoni tal-istatistika li jkunu bbażati fuq ix-xjenza u dokumentati sew.

*Artikolu 5*

*L-aċċess għar-rekords amministrattivi u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni*

1. B'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (il-Eurostat) għandu jkollhom id-dritt jaċċessaw u jużaw ir-rekords amministrattivi kollha, fil-pront u bla ħlas, u li jintegraw dawn ir-rekords ma' sorsi oħra tad-dejta biex jissodisfaw ir-rekwiżiti skont dan ir-Regolament u jaġġornaw ir-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u r-Reġistru tal-EuroGruppi. L-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u mill-Kummissjoni (il-Eurostat) għandu jkun limitat għar-rekords amministrattivi fis-sistema amministrattiva pubblika rispettiva tagħhom stess.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-awtorità tat-taxxa f'kull Stat Membru għandha tipprovdi lill-awtorità nazzjonali tal-istatistika b'informazzjoni relatata mal-esportazzjonijiet u mal-importazzjonijiet tal-oġġetti.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 21 biex tiġi stabbilita l-informazzjoni preċiża li għandhom jagħtu l-awtoritajiet tat-taxxa.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-awtorità doganali f'kull Stat Membru għandha tipprovdi lill-awtorità nazzjonali tal-istatistika b'informazzjoni relatata mal-esportazzjonijiet u mal-importazzjonijiet tal-oġġetti.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 21 biex tiġi stabbilita l-informazzjoni preċiża li għandhom jagħtu l-awtoritajiet doganali.

4. Biex tiġi prodotta l-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti u biex titjieb il-kwalità ta' dik l-istatistika, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika fl-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiskambjaw id-dejta li jkunu kisbu mingħand l-awtoritajiet doganali tagħhom dwar l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet tal-oġġetti, b'mod partikolari meta dawn l-esportazzjonijiet jew l-importazzjonijiet ikunu jinvolvu lill-awtoritajiet doganali ta' aktar minn Stat Membru wieħed.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2) biex tispeċifika l-modalitajiet għall-iskambji tad-dejta skont dan l-Artikolu.

# KAPITOLU III

# L-ISTATISTIKA TAN-NEGOZJU

*Artikolu 6*

*Ir-rekwiżiti tad-dejta*

1. L-istatistika Ewropea tan-negozju għandha dawn is-suġġetti:

(a) Statistika tan-negozju fuq żmien qasir;

(b) Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż;

(c) Statistika reġjonali tan-negozju;

(d) Statistika dwar l-attivitajiet internazzjonali.

2. L-oqsma tas-suġġetti għandhom jinkludu tema waħda jew bosta minn fost dawn it-temi, kif spjegat f'aktar dettall fl-Anness I:

(a) Popolazzjoni tan-negozju;

(b) Katini tal-valur globali;

(c) Użu tal-ICT u kummerċ elettroniku;

(d) Innovazzjoni;

(e) Kummerċ internazzjonali tal-oġġetti;

(f) Kummerċ internazzjonali tas-servizzi;

(g) Investimenti;

(h) Inputs lavorattivi;

(i) Outputs u prestazzjoni;

(j) Permessi;

(k) Prezzijiet;

(l) Xiri;

(m) Inputs tar-Riċerka u l-Iżvilupp.

3. Il-perjodiċità ta' kull tema għandha tkun kif speċifikat fl-Anness II.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21 biex temenda t-temi fid-dettall speċifikati fl-Anness I u biex tispeċifika s-suġġetti u l-karatteristiċi koperti mit-temi fid-dettall tal-Innovazzjoni, tal-Użu tal-ICT u l-kummerċ eletroniku, u tal-Katini tal-valur globali.

5. Meta teżerċita s-setgħa tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tissodisfa dawn it-tliet kundizzjonijiet:

(a) l-atti delegati jkollhom l-għan ta' tnaqqis jew newtralità fl-ispiża u fil-piż, u f'kull każ ma jkunux jimponu spiża jew piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti;

(b) jiżdiedu sa massimu ta' tema waħda fid-dettall għall-qasam tas-suġġett "Statistika tan-negozju fuq żmien qasir", ħames temi fid-dettall għall-qasam tas-suġġett "Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż", żewġ temi fid-detall għall-qasam tas-suġġett "Statistika reġjonali tan-negozju", u żewġ temi fid-dettall għall-qasam tas-suġġett "Statistika dwar l-attivitajiet internazzjonali", f'att delegat eżistenti, jew jinbidlu b'tema oħra fid-dettall matul ħames snin konsekuttivi. Il-massimu ma japplikax għall-emendi li jirriżultaw minn ftehimiet, Trattati u konvenzjonijiet u minn istituzzjonijiet internazzjonali oħra li l-Unjoni hija membru magħhom, u għall-bidliet li jirriżultaw mill-bidliet fl-oqfsa tal-kontabbiltà tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 549/2013 u tal-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 184/2005. L-għadd ta' karatteristiċi għat-temi fid-dettall tal-istatistika dinamika tan-negozju ma għandux jiżdied b'mod sinifikanti bejn żewġ perjodi ta' referenza konsekuttivi u ma għandux jaqbeż l-għadd ta' karatteristiċi tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(c) atti delegati jiġu adottati mill-inqas 15-il xahar qabel tmiem il-perjodu ta' referenza tad-dejta ħlief għat-temi "Innovazzjoni" u "Użu tal-ICT u kummerċ elettroniku" li għalihom l-atti delegati għandhom jiġu adottati tal-anqas sitt u tnax-il xahar rispettivament qabel tmiem il-perjodu ta' referenza tad-dejta.

*Artikolu 7*

*L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-dejta*

1. Għat-temi fid-dettall imniżżla fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jikkumpilaw id-dejta rilevanti għal kull tema. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika aktar dawn l-elementi tad-dejta li għandhom

jintbagħtu skont dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet tekniċi u s-simplifikazzjonijiet tagħhom:

(a) varjabbli (għajr it-temi fid-dettall tal-Innovazzjoni, tal-Użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku, u tal-Katini tal-valur globali);

(b) unità tal-istatistika;

(c) unità tal-kejl;

(d) perjodu ta' referenza;

(e) popolazzjoni tal-istatistika (inklużi r-rekwiżiti mil-lat tal-attivitajiet tas-suq/mhux tas-suq jew il-produtturi tas-suq/mhux tas-suq);

(f) klassifiki (inkluż il-prodott, il-pajjiżi u t-territorji kif ukoll in-natura tal-listi tat-tranżazzjoni) u t-tqassimiet;

(g) trażmissjoni ta' rekords individwali tad-dejta fuq bażi volontarja;

(h) użu ta' approssimazzjonijiet u rekwiżiti tal-kwalità;

(i) skadenza tat-trażmissjoni tad-dejta;

(j) l-ewwel perjodu ta' referenza;

(k) peżar u bidla tas-sena bażi għall-qasam tas-suġġett "Statistika tan-negozju fuq żmien qasir";

(l) speċifikazzjonijiet tekniċi għat-tema "kummerċ internazzjonali tal-oġġetti".

2. Meta teżerċita s-setgħat imsemmija fil-paragrafu 1 rigward is-simplifikazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis id-daqs u l-importanza tal-ekonomiji tan-negozju, b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, biex jonqos il-piż minn fuq l-intrapriżi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jinżamm l-input meħtieġ għall-kumpilazzjoni tal-oqfsa tal-kontabbiltà tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2013 u tal-istatistika tal-bilanċ ta' pagamenti skont ir-Regolament (KE) Nru 184/2005. L-atti ta' implimentazzjoni, għajr dawk li jirregolaw l-ewwel implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom, jiġu adottati tal-anqas 15-il xahar qabel tmiem il-perjodu ta' referenza tad-dejta għat-temi elenkati fl-Anness I. Għat-temi "Innovazzjoni" u "Użu tal-ICT u kummerċ elettroniku", l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati tal-anqas sitt u tnax-il xahar rispettivament qabel tmiem il-perjodu ta' referenza tad-dejta.

3. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2).

# KAPITOLU IV

# IR-REĠISTRI TAN-NEGOZJU

*Artikolu 8*

*In-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju*

1. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tistabbilixxi r-Reġistru tal-EuroGruppi tal-gruppi tal-intrapriżi multinazzjonali għall-finijiet tal-istatistika fil-livell tal-Unjoni.

2. Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru nazzjonali armonizzat wieħed jew bosta tal-istatistika tan-negozju, bħala bażi għat-tħejjija u għall-koordinazzjoni tal-istħarriġiet, bħala sors tal-informazzjoni għall-analiżi tal-istatistika tal-popolazzjoni tan-negozju u tad-demografija tagħha, għall-użu tad-dejta amministrattiva u għall-identifikazzjoni u t-tiswir tal-unitajiet tal-istatistika.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni (il-Eurostat) għandhom jiskambjaw id-dejta għall-finijiet tan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju kif stabbilit fl-Artikolu 10.

4. Ir-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u r-Reġistru tal-EuroGruppi għandhom ikunu s-sors awtorevoli biex jinkisbu popolazzjonijiet tar-reġistru ta' kwalità kbira, konsistenti u koordinati, skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea.

Ir-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju għandhom ikunu s-sors awtorevoli għall-popolazzjonijiet tar-reġistri nazzjonali. Ir-Reġistru tal-EuroGruppi għandu jkun is-sors awtorevoli għall-popolazzjoni tar-reġistru tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika għall-istatistika tan-negozju li jeħtieġ il-koordinazzjoni ta' informazzjoni transfruntiera.

*Artikolu 9*

*Ir-rekwiżiti tan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju*

1. L-unitajiet tal-istatistika u legali koperti fin-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju skont l-Artikolu 8 għandu jkollhom dawn l-elementi, kif speċifikat aktar fl-Anness III:

   (a) it-temi fid-dettall tar-reġistru u l-identifikatur uniku;

   (b) ir-referenza taż-żmien u l-perjodiċità.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21 biex temenda t-temi fid-dettall tar-reġistru elenkati fl-Anness III skont żviluppi tekniċi u ekonomiċi rilevanti u skont ħtiġijiet ġodda tal-utenti.

3. Meta teżerċita s-setgħa tagħha biex temenda l-Anness III, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tissodisfa dawn iż-żewġ kundizzjonijiet:

   (a) l-atti delegati ma jkunux jimponu piż sinifikanti addizzjonali fuq l-Istati Membri jew ir-rispondenti;

   (b) mhux aktar minn massimu ta' tema waħda fid-dettall tiżdied jew tinbidel b'att delegat matul perjodu ta' ħames snin konsekuttivi.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2) biex tispeċifika aktar id-dettalji deskrittivi għal kull tema fid-dettall tar-reġistru.

*Artikolu 10*

*L-iskambju tad-dejta kunfidenzjali, u l-aċċess għaliha, għall-finijiet tan-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju*

1. Id-dejta kunfidenzjali għandha tiġi skambjata bejn l-Istati Membri kif ġej:

(a) L-iskambju tad-dejta kunfidenzjali tal-gruppi tal-intrapriżi multinazzjonali u tal-unitajiet li jagħmlu parti minn dawk il-gruppi, b'konformità mal-Artikolu 9(4), għandu jsir, esklussivament għall-finijiet tal-istatistika, bejn il-persunal li jikkontribwixxi għall-produzzjoni tar-Reġistru tal-EuroGruppi fl-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika ta' Stati Membri differenti, fejn l-iskambju għandu jiżgura l-kwalità tal-informazzjoni dwar il-gruppi tal-intrapriżi multinazzjonali fl-Unjoni. Dawn l-iskambji jistgħu jseħħu wkoll bil-għan li jonqos il-piż tar-rispons.

(b) Meta l-iskambju jrid jiżgura l-kwalità tal-informazzjoni dwar il-gruppi tal-intrapriżi multinazzjonali fl-Unjoni, il-bank ċentrali nazzjonali jistgħu jkunu parti fl-iskambju tad-dejta konfidenzjali, esklussivament għall-finijiet tal-istatistika.

2. Id-dejta kunfidenzjali għandha tiġi skambjata bejn il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-Istati Membri kif ġej:

(a) L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandhom jibagħtu d-dejta tal-gruppi tal-intrapriżi multinazzjonali u tal-unitajiet li jagħmlu parti minn dawk il-gruppi, b'konformità mal-Artikolu 9(4), lill-Kummissjoni (il-Eurostat), biex jipprovdu l-informazzjoni, esklussivament għall-finijiet tal-istatistika, dwar il-gruppi tal-intrapriżi multinazzjonali fl-Unjoni.

(b) Biex ikun żgurat rekord konsistenti tad-dejta, esklussivament għall-finijiet tal-istatistika, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tibgħat lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika kompetenti ta' kull Stat Membru, id-dejta dwar il-grupp tal-intrapriżi multinazzjonali, inklużi l-unitajiet li jagħmlu parti minn dawk il-gruppi, meta tal-inqas unità legali waħda tal-grupp tkun tinsab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

(c) Biex tiżgura effiċjenza u kwalità kbira fil-produzzjoni tar-Reġistru tal-EuroGruppi, esklussivament għall-finijiet tal-istatistika, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tibgħat lill-persunal li jikkontribwixxi għall-produzzjoni tar-Reġistru tal-EuroGruppi fl-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, id-dejta dwar il-gruppi tal-intrapriżi multinazzjonali kollha rreġistrata fir-Reġistru tal-EuroGruppi, inkluż l-unitajiet li jagħmlu parti minn dawk il-gruppi.

3. Id-dejta kunfidenzjali għandha tiġi skambjata bejn il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-Istati Membri għall-identifikazzjoni tal-unitajiet legali kif ġej:

(a) L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandhom jibagħtu d-dejta dwar l-unitajiet legali inkorporati, b'konformità mal-Artikolu 9(4), lill-Kummissjoni (il-Eurostat), esklussivament għall-finijiet tal-identifikazzjoni unika tal-unitajiet legali fl-Unjoni.

(b) Biex tiżgura effiċjenza u kwalità kbira fil-produzzjoni tar-Reġistru tal-EuroGruppi, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tibgħat lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika ta' kull Stat Membru, id-dejta dwar l-unitajiet legali, b'konformità mal-Artikolu 9(4), esklussivament għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-unitajiet legali fl-Unjoni.

4. Id-dejta kunfidenzjali tista' tiġi skambjata bejn il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-bank ċentrali kif ġej:

L-iskambju tad-dejta kunfidenzjali jista' jsir, esklussivament għall-finijiet tal-istatistika, bejn il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-bank ċentrali nazzjonali, u bejn il-

Kummissjoni (il-Eurostat) u l-Bank Ċentrali Ewropew, meta l-iskambju jkun se jiżgura l-kwalità tal-informazzjoni dwar il-gruppi tal-intrapriżi multinazzjonali fl-Unjoni, u l-iskambju jkun awtorizzat espliċitament mill-awtorità nazzjonali tal-istatistika kompetenti.

5. Biex tiżgura li d-dejta skambjata skont dan l-Artikolu tintuża esklussivament għall-finijiet tal-istatistika, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-format, il-miżuri tas-sigurtà u tal-kunfidenzjalità għal dejta bħal din, kif ukoll il-proċedura għall-iskambju tad-dejta, b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2).

6. Meta l-Kummissjoni (il-Eurostat), l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, il-banek ċentrali nazzjonali u l-Bank Ċentrali Ewropew jirċievu dejta kunfidenzjali dwar unitajiet li jinsabu fit-territorju nazzjonali jew 'il barra minnu, skont dan l-Artikolu dawn għandhom jitrattaw dik l-informazzjoni b'mod kunfidenzjali b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

It-trażmissjoni tad-dejta kunfidenzjali bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha ssir sal-punt li dik it-trażmissjoni tkun meħtieġa għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea. Kull trażmissjoni oħra għandha tkun awtorizzata espliċitament mill-awtorità nazzjonali li ġabret id-dejta.

# KAPITOLU V

# L-ISKAMBJU TAD-DEJTA KUNFIDENZJALI GĦALL-FINIJIET TAL-ISTATISTIKA TAL-KUMMERĊ INTRA-UNJONI TAL-OĠĠETTI

*Artikolu 11*

*L-iskambju tad-dejta kunfidenzjali*

1. L-iskambju tad-dejta kunfidenzjali bejn l-Istati Membri dwar l-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti għandu jsir, esklussivament għall-finijiet tal-istatistika, bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika li jikkontribwixxu għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għat-tixrid tal-istatistika tal-kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għar-rekwiżiti tad-dejta kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) u (2) għandhom japplikaw ukoll għall-iskambju tad-dejta kunfidenzjali b'konformità ma' dan il-Kapitolu.

2. L-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-esportazzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-importazzjoni, l-informazzjoni tal-istatistika dwar l-esportazzjoni intra-Unjoni tal-oġġetti lejn dak l-Istat Membru kif stabbilit fl-Artikolu 12.

3. L-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri tal-esportazzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-importazzjoni, il-metadejta rilevanti għall-użu tad-dejta skambjata fil-kompilazzjoni tal-istatistika.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-informazzjoni li trid titqies bħala metadejta rilevanti kif imsemmi fil-paragrafu 3 kif ukoll l-iskeda taż-żmien għall-għoti ta' din l-informazzjoni u l-

informazzjoni tal-istatistika msemmija fil-paragrafu 2, b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2).

5. Meta titlob l-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-esportazzjoni, l-Istat Membru tal-importazzjoni jista' jagħti lill-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-esportazzjoni, il-mikrodejta miġbura dwar l-importazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti, importati mill-Istat Membru tal-esportazzjoni.

*Artikolu 12*

*L-informazzjoni tal-istatistika li trid tiġi skambjata*

1. L-informazzjoni tal-istatistika msemmija fl-Artikolu 11(2) għandha tinkludi:

   (a) il-mikrodejta miġbura bl-istħarriġiet;

   (b) id-dejta miġbura dwar oġġetti jew movimenti speċifiċi permezz ta' sorsi oħra tad-dejta għajr l-istħarriġiet; u

   (c) id-dejta kkumpilata permezz tad-dettalji tad-dikjarazzjonijiet doganali.

2. L-informazzjoni tal-istatistika msemmija fl-Artikolu 11(2) għandha tkopri tal-anqas 95% tal-valur tal-esportazzjonijiet intra-Unjoni totali tal-oġġetti ta' kull Stat Membru lejn l-Istati Membri l-oħra kollha flimkien.

   Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 21 biex temenda dan ir-Regolament billi tnaqqas din ir-rata ta' kopertura skont l-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi, filwaqt li żżomm statistika li tissodisfa l-istandards tal-kwalità fis-seħħ.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni, b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2), biex tispeċifika l-modalitajiet tal-ġbir tal-informazzjoni jew il-modalitajiet tal-kumpilazzjoni tal-informazzjoni rispettivament imsemmija skont il-paragrafu 1 u biex tispeċifika aktar il-modalitajiet għall-applikazzjoni tar-rata ta' kopertura msemmija skont il-paragrafu 2.

*Artikolu 13*

*Elementi tad-dejta tal-istatistika*

1. Il-mikrodejta msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 12(1) għandu jkun fiha dawn l-elementi tad-dejta tal-istatistika:

   (a) in-numru tal-identifikazzjoni individwali allokat lill-operatur sieħeb fl-Istat Membru tal-importazzjoni, skont l-Artikolu 214 tad-Direttiva 2006/112/KE[27];

   (b) il-perjodu ta' referenza;

   (c) il-fluss;

---

[27] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1)

(d) il-prodott bażiku;

(e) l-Istat Membru sieħeb;

(f) il-pajjiż tal-oriġini;

(g) il-valur tal-oġġetti;

(h) il-kwantità tal-oġġetti;

(i) in-natura tat-tranżazzjoni.

Il-mikrodejta msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 12(1) tista' tinkludi l-mod tat-trasport, diment li jiġborha l-Istat Membru tal-esportazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2) biex tispeċifika l-elementi tad-dejta tal-istatistika msemmija fil-punti (a) sa (i), u biex tispeċifika l-lista tal-elementi tad-dejta tal-istatistika applikabbli għal oġġetti jew movimenti speċifiċi u d-dejta kkumpilata permezz tad-dettalji tad-dikjarazzjonijiet doganali msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 12(1).

2. F'certi kundizzjonijiet li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità, l-Istati Membri jistgħu jissimplifikaw l-informazzjoni li trid tingħata għal tranżazzjonijiet individwali żgħar diment li din is-simplifikazzjoni ma jkollha l-ebda effett ta' detriment għall-kwalità tal-istatistika.

F'każijiet speċifiċi, l-Istati Membri jistgħu jiġbru sett imnaqqas ta' elementi tad-dejta tal-istatistika kif imsemmi fil-paragrafu 1 jew jiġbru l-informazzjoni relatata ma' wħud minn dawn l-elementi tad-dejta f'livell anqas dettaljat.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2) biex tispeċifika l-modalitajiet ta' din is-simplifikazzjoni u l-valur massimu tal-esportazzjonijiet intra-Unjoni li jibbenefikaw minn din is-simplifikazzjoni.

## *Artikolu 14*

### *Il-protezzjoni tad-dejta kunfidenzjali skambjata*

1. Għandhom japplikaw dawn ir-regoli tal-kunfidenzjalità:

(a) Ir-reġistri tal-mikrodejta relatati ma' esportatur li t-talba tiegħu għal kunfidenzjalità tal-istatistika, skont l-Artikolu 18, tkun ġiet aċċettata mill-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-esportazzjoni, għandhom jingħataw mill-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-esportazzjoni, lill-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-importazzjoni, bil-valur reali u b'kull element tad-dejta tal-istatistika kif msemmi fl-Artikolu 13(1), u b'sinjal li juri li dan ir-reġistru tal-mikrodejta hu kunfidenzjali.

(b) L-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-importazzjoni tista' tuża r-reġistri tal-mikrodejta dwar l-esportazzjonijiet li huma kunfidenzjali, għall-kompilazzjoni tar-riżultati tal-istatistika tal-importazzjonijiet intra-Unjoni. Jekk l-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-importazzjoni tuża r-reġistri tal-mikrodejta dwar l-esportazzjonijiet li huma kunfidenzjali, din għandha tiżgura li t-tixrid tar-riżultati tal-istatistika dwar l-

importazzjonijiet intra-Unjoni, mill-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-importazzjonijiet, ikun jirrispetta l-kunfidenzjalità tal-istatistika mogħtija mill-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-esportazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiżgura l-protezzjoni tad-dejta kunfidenzjali skambjata skont dan il-Kapitolu li tkun tispeċifika l-format, il-miżuri tas-sigurtà u tal-kunfidenzjalità għal din id-dejta, inklużi l-modalitajiet tal-applikazzjoni tar-regoli msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll il-proċedura għall-iskambju tad-dejta, b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2).

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri adatti biex jipprevjenu u jippenalizzaw kull ksur tal-kunfidenzjalità tal-istatistika tad-dejta skambjata. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 15*

*L-aċċess għad-dejta kunfidenzjali għal raġunijiet xjentifiċi*

L-aċċess għad-dejta kunfidenzjali skambjata jista' jingħata lil riċerkaturi li jwettqu analiżi tal-istatistika għal raġunijiet xjentifiċi, b'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Hemm bżonn l-approvazzjoni tal-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-Istat Membru tal-esportazzjoni li tkun ipprovdiet id-dejta.

# KAPITOLU VI

# IL-KWALITÀ, IT-TRAŻMISSJONI U T-TIXRID

*Artikolu 16*

*Il-kwalità*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tal-istatistika Ewropea tan-negozju li tiġi trażmessa u tar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u tar-Reġistru tal-EuroGruppi.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

3. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-dejta u tal-metadejta trażmessi.

4. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jitbagħtu:

   (a) rapporti annwali dwar il-kwalità u l-metadejta b'rabta mad-dejta trażmessa. Fil-każ tal-istatistika multiannwali, il-perjodiċità tar-rapporti għandha tkun l-istess bħal dik fl-istatistika;

   (b) rapporti annwali dwar il-kwalità u l-metadejta relatati mar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju.

5. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tipprovdi lill-Istati Membri, rapporti annwali dwar il-metadejta u l-kwalità relatati mar-Reġistru tal-EuroGruppi.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-modalitajiet, il-kontenut u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tar-rapporti dwar il-metadejta u l-kwalità. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2).

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat) mill-aktar fis b'kull informazzjoni rilevanti jew b'bidla fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li tinfluwenza l-kwalità tad-dejta trażmessa. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat) bil-bidliet il-kbar fil-metodoloġija jew b'bidliet oħrajn li jaffettwaw il-kwalità tar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju. L-informazzjoni għandha tingħata mill-aktar fis u mhux aktar tard minn sitt xhur wara li xi bidla bħal din tidħol fis-seħħ.

8. Meta titlobhom il-Kummissjoni (il-Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex din tevalwa l-kwalità tal-informazzjoni tal-istatistika.

*Artikolu 17*

*It-trażmissjoni tad-dejta u tal-metadejta*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (il-Eurostat), id-dejta u l-metadejta li jeżiġi dan ir-Regolament b'konformità mal-istandards għall-iskambju tad-dejta u tal-metadejta. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2) biex tistabbilixxi dawn l-istandards kif ukoll proċedura għat-trażmissjoni tad-dejta u tal-metadejta. Meta d-dejta trażmessa tkun kunfidenzjali, il-valur reali jintbagħat b'sinjal li juri li hi kunfidenzjali u li ma tistax tixtered.

2. L-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi tal-istatistika tar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u jittrażmettu l-informazzjoni lill-Kummissjoni (il-Eurostat), permezz ta' format u proċedura, li għandhom jiġu speċifikati f'atti ta' implimentazzjoni adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2).

3. Meta titlobhom, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, kull informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri.

*Artikolu 18*

*Il-kunfidenzjalità dwar it-tixrid tad-dejta tal-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti*

Meta jitlobhom l-importatur jew l-esportatur, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandhom jiddeċiedu jekk ixxerrdux ir-riżultati tal-istatistiċi li jaf jikxfu l-identità tal-importatur jew tal-esportatur partikolari, jew jekk jiġux emendati r-riżultati tal-istatistika ħalli tinżamm il-kunfidenzjalità tal-istatistika, b'konformità mal-Artikolu 20(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

# KAPITOLU VII

# L-ISTUDJI PILOTA U L-FINANZJAMENT

*Artikolu 19*

*L-istudji pilota*

1. Meta l-Kummissjoni (il-Eurostat) tidentifika ħtiġijiet sinifikanti ta' dejta ġdida jew titjib fis-settijiet tad-dejta koperti minn dan ir-Regolament, din tista' tniedi studji pilota li jwettquhom l-Istati Membri fuq bażi volontarja, qabel ma ssir ġabra ġdida tad-dejta.

2. Dawn l-istudji pilota għandhom jitwettqu biex jiġu stmati r-rilevanza u l-fattibbiltà li tinkiseb id-dejta, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji tad-disponibbiltà tad-dejta b'rabta mal-ispiża tal-ġbir u l-piż fuq in-negozji.

3. L-ewwel studji pilota li jitniedu għandhom ikopru modi ta' provvista tal-kummerċ internazzjonali tas-servizzi u l-kummerċ internazzjonali tas-servizzi skont il-karatteristiċi tal-intrapriża.

*Artikolu 20*

*Il-finanzjament*

1. Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni tista' tipprovdi għajnuna finanzjarja lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra li jissemmew fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għall-ispejjeż ta':

   (a) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-ħtiġijiet tad-dejta fil-qasam tal-istatistika tan-negozju;

   (b) l-iżvilupp ta' metodoloġiji bil-għan li jżidu l-kwalità u jnaqqsu l-ispejjeż u l-piż amministrattiv tal-ġbir u tal-produzzjoni tal-istatistika tan-negozju, u li jtejbu n-netwerk Ewropew tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż id-90% tal-ispejjeż eliġibbli.

# KAPITOLU VIII

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 21*

*L-eżerċitar tad-delega*

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 5, 6, 9 u 12 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal żmien indefinit.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 5, 6, 9 u 12 tista' tiġi revokata f'kull żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 5, 6, 9 u 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssir l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 22*

*Il-Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandu jkollu l-assistenza tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 23*

*Il-koperazzjoni ma' kumitati oħrajn*

Fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li huma fil-kompetenza tal-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill

2006/856/KE, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni ta' dak il-Kumitat skont dik id-Deċiżjoni.

*Artikolu 24*

*Id-derogi*

1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru tkun qed titlob adattamenti kbar, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħti derogi mill-applikazzjoni tiegħu għal mhux aktar minn tliet snin, diment li dawn id-derogi la jfixklu l-komparabbiltà tad-dejta tal-Istati Membri u lanqas ma jxekklu l-kalkolu tal-aggregati Ewropej rappreżentattivi u fil-ħin li huma meħtieġa.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni b'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 22(2).

*Artikolu 25*

*Emendi fir-Regolament (KE) Nru 184/2005*

Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 huwa emendat kif ġej:

(a) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

**Is-suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika tal-Komunità dwar il-bilanċ tal-pagamenti u dwar l-investiment dirett barrani.";

(b) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat), id-dejta dwar il-bilanċ tal-pagamenti u dwar l-investiment dirett barrani kif imsemmi fl-Anness I. Id-dejta għandha tkun kif definita fl-Anness II.";

(c) fl-Artikolu 5(1), jitħassar il-punt (c);

(d) fl-Artikolu 12, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) jevalwa l-kwalità tad-dejta dwar il-bilanċ tal-pagamenti u dwar l-investiment dirett barrani;";

(e) fl-Anness I, it-Tabella 3 (il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi) tiġi emendata skont l-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 26*

*Ir-revoka*

1. Ir-Regolamenti (KEE) Nru 3924/91, (KE) Nru 48/2004, (KE) Nru 716/2007, (KE) Nru 177/2008 u (KE) Nru 295/2008 u d-Deċiżjoni (KE) Nru 1608/2003 tħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2019.
2. Ir-Regolament (KE) Nru 1165/1998 tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2024.
3. Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2020.
4. Ir-Regolamenti (KE) Nru 638/2004 u (KE) Nru 471/2009 tħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2020.
5. Ir-referenzi għall-atti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 27*

*Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.
3. Iżda l-Artikoli 11 sa 15 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA


**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Oqsma ta' politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Għanijiet

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Mod ta' ġestjoni ppjanat

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

3.1. Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarji tan-nefqa affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-Istatistika Ewropea tan-Negozju

### 1.2. Oqsma ta' politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB[28]

2902 – Il-Programm Ewropew tal-Istatistika

0904 – Orizzont 2020

### 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[29]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar l-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għanijiet

#### *1.4.1. L-għanijiet strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

Il-monitoraġġ tal-għanijiet stabbiliti mill-għaxar (10) prijoritajiet tal-Kummissjoni fil-livell tal-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ statistika Ewropea armonizzata u komparabbli. L-approċċ integrat FRIBS għandu l-għan li jipprovdi statistika tan-negozju ta' kwalità kbira ħalli jsir monitoraġġ tal-għanijiet tal-politika stabbiliti minn dawn il-prijoritajiet, b'mod partikolari "l-Impjiegi, it-Tkabbir u Investiment", "is-Suq Uniku Diġitali", "is-Suq Intern" u "il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Istati Uniti". Fil-kuntest ta' metodi moderni għall-ġbir u għall-produzzjoni tad-dejta tal-istatistika, l-input tal-istatistika jenħtieġ li jiġi prodott bl-aktar mod effiċjenti.

#### *1.4.2. L-għanijiet speċifiċi u l-attivitajiet ABM/ABB ikkonċernati*

Għan speċifiku Nru 1

Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2016, l-Inizjattiva REFIT Nru 26 – Pakkett tal-Istatistika

Attivitajiet ABM/ABB ikkonċernati

2902 – Il-Programm Ewropew tal-Istatistika

0904 – Orizzont 2020

[28] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[29] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Riżultati u impatt mistennija

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

L-inizjattiva jenħtieġ li ttejjeb il-flessibbiltà u l-ħila tar-rispons tal-istatistika Ewropea tan-negozju għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-utenti u żżid il-konsistenza u l-kwalità tagħha. L-inizjattiva tappoġġa l-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni għax tipprovdi aktar dejta konsistenti u rilevanti biex isir monitoraġġ, eżempju tat-tkabbir, tal-ħolqien tal-impjiegi, tal-kompetittività, tar-riċerka u l-innovazzjoni, tas-suq uniku diġitali, tal-impatt tal-globalizzazzjoni u tal-funzjonament tas-suq intern. Din jenħtieġ li tagħmilha eħfef biex il-produzzjoni tad-dejta tkun aktar kosteffiċjenti u moderna, u jenħtieġ li tipprovdi l-mezzi biex il-fornituri tad-dejta (in-negozji) jonqsilhom il-piż amministrattiv b'mod sinifikanti.

Fejn tidħol l-effiċjenza, il-proposta se żżid l-ispejjeż tal-implimentazzjoni inizjali għall-kompilaturi tad-dejta, minħabba r-reviżjonijiet fil-proċessi tal-produzzjoni tad-dejta u minħabba ħtiġijiet ġodda tad-dejta. Iżda dawn l-ispejjeż tal-implimentazzjoni addizzjonali fuq perjodu qasir jenħtieġ li jiġu kkumpensati miż-żidiet fl-effiċjenza fil-livell tas-sistema mal-medda taż-żmien.

### 1.4.3. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.*

Għal kull wieħed mill-għanijiet operazzjonali identifikati fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt, b'indikatur ewlieni tal-prestazzjoni jkun jista' jsir monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni ta' din il-proposta.

Is-sors ewlieni tal-informazzjoni biex jiġu kkalkulati l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni huwa r-rapporti nazzjonali dwar il-metadejta u l-kwalità kif ukoll l-istħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-utenti li jagħmel il-Eurostat u r-rapporti tal-monitoraġġ dwar it-tixrid elettroniku tal-Eurostat.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### 1.5.1. *Rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fuq żmien qasir jew twil*

Fuq żmien qasir, ir-Regolamenti eżistenti fil-qasam tal-istatistika Ewropea tan-negozju se jiġu integrati u l-ħtiġijiet tal-utent li ilhom pendenti għal informazzjoni addizzjonali fuq in-negozji se jiġu ssodisfati. Se jonqos il-piż minn fuq il-fornituri tad-dejta.

Fuq medda twila ta' żmien, l-inizjattiva jenħtieġ li twassal għal titjib fl-effiċjenza tal-ġbir u tal-kompilazzjoni tal-istatistika tan-negozju u b'hekk jonqsu l-ispejjeż għall-kompilaturi tad-dejta. Minbarra dan, se tiżdied ir-rilevanza tad-dejta billi jitwieġbu aktar malajr il-ħtiġijiet emerġenti ġodda u importanti tal-utenti.

### 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Fil-livell nazzjonali ma tistax issir produzzjoni ta' statistika armonizzata u kumparabbli fost l-Istati Membri, u li tkun prodotta skont il-ħtiġijiet tal-UE. Il-produzzjoni tal-istatistika tal-UE teħtieġ l-implimentazzjoni ta' metodoloġija armonizzata u d-definizzjoni ta' outputs komuni u l-karatteristiċi tagħha li jridu jwettqu l-Istati Membri individwali, u din tista' tinkiseb bis-sħiħ biss permezz ta' azzjoni tal-UE.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Biex ikun żgurat li l-provvista tad-dejta nazzjonali tkun konformi, l-aktar tip xieraq ta' azzjoni tal-UE hija Regolament. Il-koeżistenza ta' għaxar (10) Regolamenti separati fil-qasam tal-istatistika tan-negozju wasslet għal inkonsistenzi fil-kunċetti u fid-definizzjonijiet użati.

*1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Peress li dan hu Regolament Qafas, ladarba jidħol fis-seħħ dan se jirrazzjonalizza l-għaxar bażijiet ġuridiċi attwali għall-istatistika Ewropea tan-negozju. Il-manwal tal-Istatistika Ewropea tan-Negozju se jagħti gwida metodoloġika.

### 1.6. Id-durata u l-impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2019 sal-2021,

– wara tħaddim fuq skala sħiħa.

### 1.7. Il-modi ta' ġestjoni ppjanati[30]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttiv

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (għad iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| […] |
| […] |

[30] Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit web tal-BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Ir-rappurtar dettaljat regolari tal-kwalità tal-implimentazzjoni huwa fis-seħħ għal kull ġbir tad-dejta tal-istatistika, skont ir-regoli speċifiċi tal-Eurostat. Ir-rappurtar se jitkompla u jkompli jittejjeb bil-proposta l-ġdida.

Dawk li jirċievu l-għotjiet għandhom jibagħtu d-dejta miġbura u r-rapport dwar il-kwalità korrispondenti.

### 2.2. Is-sistema tal-ġestjoni u tal-kontroll

*2.2.1. Riskji identifikati*

Peress li ġestjoni diretta hija prevista, ir-riskji inerenti huma dawk relatati mal-ġestjoni tal-akkwisti u l-għotjiet.

*2.2.2. Informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita*

Il-Eurostat iddefinixxa strateġija tal-kontroll 2013-2017 li takkumpanja l-implimentazzjoni tan-nefqa. Il-miżuri u l-għodda ta' din l-istrateġija huma applikabbli għalkollox għar-Regolament propost. It-tnaqqis tal-kumplessità, l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' monitoraġġ kosteffettivi kif ukoll it-twettiq ta' kontrolli *ex ante* u *ex post* ibbażati fuq ir-riskji se jkollhom l-għan li jnaqqsu l-probabbiltà u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-frodi. Miżuri speċifiċi għaż-żieda fl-għarfien u t-taħriġ rilevanti rigward il-prevenzjoni tal-frodi huma parti mill-istrateġija tal-kontroll.

*2.2.3. Stima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju tal-iżball*

Il-Eurostat għandu strateġija tal-kontroll stabbilita bil-għan li b'mod ġenerali tillimita r-riskju tan-nuqqas ta' konformità skont il-kriterju tal-materjalità ta' 2%, skont l-għanijiet dwar il-kontroll intern u l-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tiegħu 2016-2020. 100% tat-tranżazzjonijiet finanzjarji (u għalhekk 100% tal-baġit) se jkunu soġġetti għal kontrolli *ex ante* obbligatorji skont ir-Regolament Finanzjarju. Minbarra dan, se jsiru kontrolli bbażati fuq analiżi profonda tad-dokumentazzjoni sottostanti wara analiżi tar-riskji annwali. Dawn jistgħu jkopru bejn 4-6% tal-baġit totali mmaniġġjat mill-Eurostat.

### 2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Fit-30 ta' Ottubru 2013, il-Eurostat adotta "l-Istrateġija Kontra l-Frodi 2014-2017" tiegħu b'konformità mal-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2011 (CAFS). L-istrateġija kontra l-frodi tal-Eurostat tispeċifika tliet għanijiet operazzjonali, li: i) jissaħħu l-komponenti eżistenti kontra l-frodi; ii) jiġu integrati aħjar l-elementi kontra l-frodi tal-valutazzjoni tar-riskju/il-ġestjoni tar-riskju tal-Eurostat kif ukoll fil-verifiki, l-ippjanar, ir-rappurtar u l-monitoraġġ; u iii) jissaħħu l-kapaċitajiet u l-għarfien kontra l-frodi tal-Eurostat bħala parti mill-kultura kontra l-frodi tal-Kummissjoni. Mal-istrateġija kontra l-frodi hemm mehmuż pjan ta' azzjoni kontra l-frodi. Matul il-perjodu tal-applikazzjoni tagħha, l-implimentazzjoni tal-

istrateġija kontra l-frodi qed tiġi sorveljata darbtejn fis-sena, u jingħata rendikont lill-maniġment.

Il-Eurostat se jevalwa l-impatt tal-istrateġija fl-2017 u se jaġġorna l-istrateġija skont dan. Fl-2016 – bħala pass importanti lejn l-istrateġija tal-evalwazzjoni – il-Eurostat se jirrevedi l-pjan ta' azzjoni tiegħu kontra l-frodi.

Kemm ir-reviżjoni tal-istrateġija tal-Eurostat kif ukoll ir-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni se jsiru abbażi tal-metodoloġija u l-gwida aġġornati tal-OLAF, li ħareġ fi Frar 2016.

Barra minn hekk, fejn jidħlu r-riċevituri, kull riċevitur potenzjali tal-għotjiet huwa korp pubbliku (l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u Awtoritajiet Nazzjonali oħra, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009). Minbarra dan, dawn l-għotjiet jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti. Hemm kontrolli fis-seħħ, li jqisu dawn il-proċeduri speċifiċi tal-għotjiet, u jinvolvu analiżi *ex ante* u *ex post* tal-ġestjoni tal-għotjiet.

L-użu tal-ispejjeż tal-unità u ta' somom f'daqqa, skont l-Artikolu 124(1) tar-Regolament Finanzjarju, inaqqas sostanzjalment ir-riskju tal-iżbalji relatati mal-ġestjoni tal-għotjiet biex jippermetti amministrazzjoni simplifikata b'mod sinifikanti.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarji tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru […][Intestatura………………………...……………] | Diff./Mhux diff[31]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[32] | mill-pajjiżi kandidati[33] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 1a | 29.020100 – ESP18_20 – Il-Programm Ewropew tal-Istatistika (ESP) 2018-2020 | Diff | IVA | LE | LE | LE |
| 1a | 09.040201- Tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (Ass. Prog.: ORIZZONT 2020 - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Orizzont 2020) | Diff. | IVA | LE | LE | LE |

31 Diff: = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
32 L-EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
33 Il-pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjajru pluriennali** | Numru | 1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi |
|---|---|---|

| Id-DĠ: ESTAT | | | Sena **2019** | Sena **2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja 29.020100 | Impenji | (1) | 10,285 | 9,185 | **19,470** |
| | Pagamenti | (2) | 1,029 | 4,518 | **5,547** |
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[34] | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | | (3) | | | |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ ESTAT** | Impenji | =1+1a +3 | 10,285 | 9,185 | **19,470** |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | 1,029 | 4,518 | **5,547** |

34 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| Id-DĠ: CNECT | | | Sena **2019** | Sena **2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja 09.040201 | Impenji | (1) | 1,000 | 1,000 | **2,000** |
| | Pagamenti | (2) | 0,100 | 0,450 | **0,550** |
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[35] | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | | (3) | | | |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ CNECT** | Impenji | =1+1a +3 | 1,000 | 1,000 | **2,000** |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | 0,100 | 0,450 | **0,550** |

**Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali TOTALI | Impenji | (4) | 11,285 | 10,185 | **21,470** |
| | Pagamenti | (5) | 1,129 | 4,968 | **6,097** |
| • Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+6 | 11,285 | 10,185 | **21,470** |
| | Pagamenti | =5+6 | 1,129 | 4,968 | **6,097** |

[35] Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| **Intestatura tal-qafas finanzjajru plurjennali** | **5** | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena **2019** | Sena **2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|
| Id-DĠ: ESTAT | | | | |
| • Riżorsi umani | | 11,850 | 11,883 | **23,733** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0,625 | 0,625 | **1,250** |
| **TOTAL għad-DĠ** ESTAT | | 12,475 | 12,508 | **24,983** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju plurjennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 12,475 | 12,508 | **24,983** |

f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena **2019** | Sena **2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju plurjennali | Impenji | 23,760 | 22,693 | **46,453** |
| | Pagamenti | 13,604 | 17,476 | **31,080** |

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (sa tliet punti deċimali)

| **Indika l-għanijiet u l-outputs** ⇩ | | | Sena **2019** | | Sena **2020** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | |
| | Tip[36] | Spiża medja | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru totali | Spiża totali |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[37]... | | | | | | | | |
| - Output | Ir-Reġistru tal-EuroGruppi | | | 0,750 | | 0,750 | | 1,500 |
| - Output | L-ittestjar tar-Reġistru tal- | | | 0,250 | | 0,250 | | 0,500 |
| - Output | L-implimentazzjoni tal-ġbir tad-dejta | | | 3,435 | | 3,935 | | 7,370 |
| - Output | Studji metodoloġiċi u studji pilota | | | 6,850 | | 5,250 | | 12,100 |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1 | | | | 11,285 | | 10,185 | | 21,470 |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | |

36 L-outputs huma l-oġġetti u s-servizzi fornuti (eż.: l-għadd ta’ skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ).

37 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Għanijiet speċifiċi…”

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| - Output | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2 | | | | | | | | |
| **SPIŻA TOTALI** | | | | 11,285 | | 10,185 | | 21,470 |

### *3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

#### 3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | Sena **2019**[38] | Sena **2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | |
| Riżorsi umani | 11,850 | 11,883 | **23,733** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,625 | 0,625 | **1,250** |
| **Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 12,475 | 12,508 | **24,983** |
| **'Il barra mill-INTESTATURA 5**[39] **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | |
| Riżorsi umani | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | |
| **Subtotal 'Il barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | |
| **TOTAL** | **12,475** | **12,508** | **24,983** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jkopruhom l-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

---

38 Is-sena N hija s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

39 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*Stima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għal fulltime*

| | | Sena **2019** | Sena **2020** |
|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | |
| 29 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 74,67 | 74,92 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Fulltime: FTE)**[40] | | | |
| 29 01 02 01 (AC, SNE, INT mill-"pakkett globali") | | 25 | 25 |
| XX 01 02 02 (AC, AL, SNE, INT u JED fid-delegazzjonijiet) | | | |
| **XX** 01 04 **yy** [41] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | |
| **XX** 01 05 02 (AC, SNE, INT - Riċerka indiretta) | | | |
| 10 01 05 02 (AC, SNE, INT - Riċerka diretta) | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | |
| **TOTAL** | | **99,67** | **99,92** |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Xogħol metodoloġiku, inkluż għall-istudji pilota<br>Xogħol tal-IT biex jirċievu, jivvalidaw u jipproċessaw id-dejta<br>Analiżi tad-dejta, rilaxx tad-dejta u appoġġ lill-utent |
| Persunal estern | Xogħol metodoloġiku, inkluż għall-istudji pilota<br>Xogħol tal-IT biex jirċievu, jivvalidaw u jipproċessaw id-dejta |

40 AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet.

41 Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

### 3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi l-programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega liema programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, u speċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.<br>[…] |

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, u speċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.<br>[…] |

### 3.2.5. *Il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament mingħand il-partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt.

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | 2019 | 2020 | Total |
|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | p.m. | p.m. | p.m. |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati | p.m | p.m | p.m. |